# IR-RABA' TAQSIMA

## Analiżi Estetika tal-Letteratura f' *Il-Malti.*

### (a) IL-POEŻIJA

Fil-ħajja ta' kittieb ikun hemm ċerti ċirkostanzi li jinfluwenzawlu l-kitbiet, għax bħal kull artist ieħor il-kittieb irid ikollu pedament biex fuqu jibni x-xogħol tiegħu. Ħwejjeġ esterni bħal avvenimenti politiċi, kondizzjonijiet soċjali, tibdiliet reliġjużi u ħajja personali, jaffettwaw il-pinna ta' l-awtur. Imma l-akbar qawwa li taħkem fuq min jikteb hija l-kultura tiegħu. Għalhekk kull biċċa xogħol letterarja hija mera kemm taż-żmien li fih kien jgħix l-awtur kif ukoll ta' ħsebijiet: għax il-kitba hija ħolqien tal-kittieb u fiha nfisha hija wkoll riflessjoni diretta tal-qalb u l-moħħ tal-kittieb-bniedem. U din ir-riflessjoni tkun bħal "screen" tat-"talkies" li fuqu naraw il-ġrajjiet psikoloġiċi u sentimentali ta' l-awtur. Kull kitba, mela, hija record ta' ħsebijiet u tqanqiliet, u fl-istess ħin hija wkoll eżerċizju tekniku.

Għalkemm iż-żmien ibidel kollox, ukoll l-arti, insibu xi ħaġa li tibqa' dejjem l-istess, jgħaddi kemm jgħaddi żmien. Fil-każ tal-letteratura, li hi miktuba mill-bniedem, l-elementi umani jidhru l-istess għax is-sentimenti tal-bniedem huma xorta f'kull żmien. Il-forma tinbidel minn żmien għal ieħor, bħala libsa tinbidel skond il-moda, imma l-kontentut intrinsiku, jiġifieri s-sentimenti, jibqa' l-istess, ukoll jekk forsi moħħ il-bniedem jinbidel għax il-bniedem irid jirraġuna skond l-ambjent li jkun qed jgħix fih.

Kif ġa għidna, il-poeżija tolqot lill-qalb, lir-ruħ jew lill-moħħ, u minħabba f'hekk tagħmel parti essenzjali mill-ħajja umana. Kull għanja tista' turi l-ġmiel imxerred madwarna, imma jekk niflu sew il-ħwawar li jsawru poeżija niltaqgħu ma' tlett ingredjenti li huma tassew essenzjali għat-tiswir ta' xogħol artistiku. Dawn l-elementi huma: ispirazzjoni qawwija, ideat kotrana, u personalità tal-poeta. L-ispirazzjoni, li tnebbaħ il-poeta jikteb fuq xi tema, trid tkun qawwija, għax fejn hemm fjamma hemm ukoll in-nar, u l-ġmiel ta' poeżija jiżdied skond il-qawwa tal-ispirazzjoni. Il-kultura hija fattur prinċipali li ssebbaħ is-suġġetti: mingħajrha l-poeżija toħroġ sempliċi żżejjed u ftit tingħoġob. Fl-aħħarnett, il-poeżija se tirrifletti, xi ftit jew wisq, l-individwalità tal-poeta. U għalhekk meta wieħed jaqra ħafna xogħlijiet ta' kittieb, iħossu influwenzat minnu, għax fil-kitbiet hemm imdeffsa l-personalità tal-awtur. Iżda meta l-qarrej idur għal xi rivista bħal ma hi din ta' *Il-Malti*, m'għandux għalfejn jibża' li jiddakkar mill-personalità u l-moralità ta' xi poeta partikolari. U meta nilmħu l-personalità tal-poeta nintebħu li l-kitba hija universali, indirizzata lill-uman għax il-poeta hu bniedem bħal kull wieħed ieħor u għalhekk għandu personalità ta' bniedem.

Ħafna mill-poeti li jidhru f'*Il-Malti* żammew mat-tradizzjonaliżmu Malti bis-sentimenti reliġjużi u patrijottiċi tagħhom. Bosta drabi dawn iż-żewġ sentimenti nsibuhom imżewġin f'nisġa waħda għax fid-devozzjoni, li turi li l-poeti huma nsara tabilħaqq sinċiera, tidher ukoll il-qima lejn art twelidhom li elf u disa' mitt sena ilu ħaddnet lil Pawlu ta' Tarsu meta tagħtu l-kenn. Barra minn hekk il-ġens Malti huwa magħqud permezz tar-reliġjon li hu jħobb:

"Missier, ħarisna; ftakar li dil-Gżira
hi l-isbaħ xhieda tal-Vanġelu tiegħek;
tħallix lil Bintek terġa' taqa' rsira.

Aqbad it-tmun; ħaddem l-għeruq ta' driegħek;
Int mexxi d-għajsa; inti ħiltek kbira…
U taf, żmien ilu, kemm waqafna miegħek."
(Lil San Pawl: M/36 p.8).

Dun Karm f'San Pawl jara l-għaqda fost il-Maltin u sakemm jibqa' t-tagħlim ta' Pawlu fuq il-blat tagħna, tibqa' wkoll l-unità tant meħtieġa għall-formazzjoni ta' nazzjon.

Il-poeżija **RELIĠJUŻA** għandha tkun imħallta b'xejra riflessiva u emozzjonali li tgħolli l-istil biex tnisslu dinjituż u tagħmlu solenni ħa jaqbel mal-kunċett sublimi. Għalkemm ħafna poeti jimxu fuq dawn il-linji, kull wieħed minnhom iħaddem il-poeżija reliġjuża kif jogħġob lilu. Il-poeżija ta' Dun Karm, pereżempju, insibuha fi kliem il-Professur Aquilina "riflessiva aktar milli emozzjonali"[1]; fil-waqt li Cuschieri jaħseb fil-fond fuq il-Madonna u l-ħsieb tiegħu jagħġnu b'sentimenti mill-aqwa biex jesprimi mħabbtu għal din il-Ħlejqa hekk kbira.

Forsi ħadd mill-poeti kollha li nsibu f'*Il-Malti* ma jħabbatha ma' Cuschieri fil-poeżiji Marjani tagħhom għax f'Cuschieri naraw is-sentiment reliġjuż Manzonjan li jasal biex jibki dmugħ liriku mogħni b'mużikalità, ħrara u ħlewwa li huma tassew ħerġin minn qalb il-poeta.

"Dwejra waħda, ħobż wieħed, qalb waħda,
miegħu dejjem ta' ħajtu f'kull żmien,
sakemm waslet is-siegħa tal-fidwa,
sakemm tlajtu l-Kalvarju flimkien.

Iddew qalbek kif baqgħet ma nqasmet,
liema s-setgħa li żammet riġlejk
meta msammar int rajtu fuq għuda,
meta mejjet ilqajtu f'idejk?"[2]

Tassew li dawn il-versi għandhom qawwa speċjali u seħer ta' ġmiel spiritwali li Cuschieri biss jaf iħaddem, u tassew ukoll li l-Poeta tal-Madonna hu konċiż u preċiż fid-

---

[1] "Dun Karm Poeta" fi *Studji Kritiċi Letterarji* (Lux Press – Ħamrun), 1969; p.56.
[2] "Marija" ta' P. A. Cuschieri f'*Il-Muża Maltija* (It-tieni edizzjoni – A. C. Aquilina & Co.), 1964; p.78.

deskrizzjonijiet tiegħu. Iżda jekk dawn il-karatteristiċi ma jidhrux f'poeti oħrajn dan ma jfisserx li hu nuqqas. Il-poeti l-oħrajn jista' jkollhom xi karatteristiċi personali. Nieħdu lil P. Valentin Barbara, li juri sengħa kbira meta jiġi biex jiddeskrivi fit-tul; hekk naraw dan il-kwadru sabiħ tas-Sagra Familja:

"Qed nara lilek, mara wisq żagħżugħa,
taħdem, u tagħnet, tħit, issajar, tnaddaf;
Ġużeppi, raġel sbejjaħ, mehdi f'xogħlu,
Jisserra jew jinċana, isammar, jiżbogħ;
Xi drabi jersaq lejk u jerħi f'idek
Dik ix-xi ħaġa ċkejkna, li jkun daħħal

Bl-għaraq ta' ġbinu Ġesù jgħinu, inewwel,
Jew jaqdi lilek, jew fil-bitħa għax-xmejxa
Jilgħab biż-żrar inkella b'xi ħaġ'oħra."
(Talba ta' Omm: D/56 p.119P)

Kwadru sabiħ li għalkemm mhux konċiż hu preċiż. Ġorġ Pisani juri kif suġġett sagru jingħaqad ma' suġġett storiku, f' "Nifirħu" (D/50 p.110-112), lil Pisani narawħ jifraħ fl-okkażjoni tal-festi Djoċeżjani tad-Domma ta' l-Assunzjoni. Fil-ferħ tiegħu hu jgħanni lill-Madonna ħafna kwartini, b'żewġ versi tat-tnax u tnejn tal-ħdax bir-rima mqabbża, mimlijin ritmu u melodiji mħabba l-għażla xierqa tal-kelmiet. F'dil-poeżija tidher ċara l-ħila ta' Pisani biex iħaddem l-istorja ta' Malta u Għawdex, u mħeġġeġ mis-sens patrijottiku tiegħu jaħtaf din l-okkażjoni biex juri kif id-devozzjoni kbira tal-Maltin u l-Għawdxin lejn Sidtna Marija ma twelditx mix-xejn. Għax fil-waqt li jagħmel ġirja ħafifa fuq l-istorja tal-gżejjer tagħna, Pisani juri kif ġensna:

"…baqa' minn għandha jissellef il-ħila,
il-faraġ ta' qalbu u l-qawwa ta' driegħu
fil-ġranet imqallba, fil-ġranet imħawda
li jinsġu l-istorja sabiħa minn tiegħu."

Dil-poeżija hija xempju ħaj tal-ħila ta' Pisani biex jorbot suġġett ta' ġmiel spitirwali, bħal dak ta' l-Assunzjoni, ma' l-istorja Maltija u dir-rabta jinsiġha b'versi tabilħaqq vivaċi.

Għalhekk id-devozzjoni lejn Sidtna Marija tidher f'kull poeta li kiteb fuqha. Għalkemm il-Professur Aquilina jidhirlu illi Dun Karm jilħaq lil Patri Cuschieri biss fis-sunett tiegħu "Mater Purissima"[3], jien naħseb li Dun Karm għandu waqtiet, speċjalment fl-innijiet tiegħu lill-Madonna, fejn jiġi spalla ma' spalla ma' Cuschieri fis-sentimenti tiegħu. Biex infisser aħjar xi rrid ngħid nagħti din is-silta ċkejkna:

> "Meta xebba bil-għar minn ta' Betlem
> Int sirt omm bla ma tlift l-ewwel ġieħ,
> U sar ibnek dan Alla li ħalqek,
> U rawk l-anġli demm sidrek tagħtik."
> (Innu lil Sidtna Marija tal-Għar: M/41 p.29)

Iżda dawn huma każi rari, u kultant xi poeżiji ma narawx dik is-sengħa u l-ħila li nosservaw fil-biċċa l-kbira tal-kitbiet tal-Poeta Nazzjonali. Nieħdu "Lil Madonna tal-Karmnu" (D/38 p.91): l-ebda tqanqila ma tinħass hawn. Din il-poeżija narawha mneżżgħa minn kull ħrara spiritwali u mlibbsa lbies x'aktarx passiv. Kull ma għamel Dun Karm hawnhekk kien li poġġa ħsieb daqsxejn komuni f'forma ta' poeżija. U l-ħsieb m'hu xejn ħlief talba. Iżda wieħed jistenna li poeta-qassis, bħalma hu Dun Karm, jitlob xi ftit aktar bil-ħerqa u bil-ħeġġa, speċjalment meta jkun qiegħed ikellem lill-Madonna.

Poeżiji Reliġjużi oħrajn huma dawk li jfittxu fil-qalba ta' xi misterju tal-Fidi u tal-ħajja. Dawn ikunu aktar riflessivi milli emozzjonali, minħabba li jidħlu fil-profondità tal-kunċett biex jitkixxfu fuq is-suġġett. Biex tinħadem sew il-poeżija riflessiva l-poeta jrid ikollu ħila deskrittiva qawwija, u kontroll fuq it-tbaqbiq tal-emozzjoni. Meta Dun Karm ried jgħarrex fil-misterju ta' Kristu żamm barra kull sentiment:

---

[3] Ara: "Dun Karm Poeta", fi *Studji Kritiċi Letterarji*; p.61.

“Minn ġol-qabar li kien ħaddnek
ħriġt rebbieħ għal ħajja ġdida:
ratek kmieni l-Madaliena,
rawk l-oħrajn li tħaddtu miegħek,
u mill-ġdid staqsew dawk il-għomja:
‘Dan min Hu?’”
(Dan Min Hu?: M/38 p.6-7)

Fid-diwi ta’ dik il-mistoqsija ninnotaw il-meditazzjoni kbira tal-poeta Nisrani li għamel fuq Kristu. Irid jipprova jifhem min hu Kristu, iżda ma jasal imkien għax jispiċċa bil-paradoss “Inti kbir fiċ-ċokon tiegħek”, illi jwasslu biex jistqarr illi l-Fidi fih biss tista’ ġġagħalna nifhmu:

“Biss min jemmen jista’ jifhem
Dak li int u li temmejt.”

Meta mbagħad Dun Karm ikun irid jagħti sfog tas-sentimenti tiegħu, speċjalment meta s-suġġett huwa l-Ewkaristija, hu jwettaq dmiru b’sengħa tal-għaġeb. Iħares lejn Ġesu’ Ostja u jgħannilu bil-qima kollha kif

“Fit-tgħanniqa ta’ qalbi ma’ qalbek
Ruħi togħxa fil-mewġ tal-ħlewwiet.”
(Nirien ta’ Mħabba’: Ġ/38 p.36)

U jgħid bl-akbar ħrara kif “ix-xrara li tikbes ġo sidri” u l-kisra f’għajnejn Kristu huma biżżejjed biex

“Ifissruli l-ħuġġieġa ta’ mħabba
li wasslitek biex tmut fuq salib,
U nħoss xewqa li nrossok fi ħdani
U mmut mgħannaq ma’ l-għeżeż ħabib.”

Il-kuntrast li joħolqu dawn iż-żewġ poeżiji, miktubin minn id waħda u jitrattaw kważi fuq l-istess suġġett, huwa kbir għax waħda tħaddem il-moħħ u l-oħra l-qalb. Hekk naraw kif poeta jista' jfisser ħsebijietu fuq suġġett wieħed f'xejriet differenti.

Il-bniedem bir-raġuni tiegħu kollha qatt ma jasal li jifhem il-kobor t'Alla. Il-poeta jipprova jargumenta filosofikament, imma xorta jħossu jintilef ħdejn l-għeġubijiet tal-Ħallieq. U għax joqgħod jiddiskuti suġġetti filosofiċi, l-bniedem jibni poeżiji ta' mħabba lejn Alla. Nieħdu "Alla mhux hekk" (S/29 p.73-74) fejn insibu kuntrast bejn "nżul ix-xemx li qatt ma tinżel" u nżul ix-xemx fir-realtà. In-nies tiskanta b'tal-ewwel imma ftit toqgħod tirrifletti li Alla

> "…minn dawk l-egħġubijiet
> jagħmel mija kull jum u mija jħassar."

Ħsieb sublimi bħal dan ma jistax ikun li ma jġagħalekx taħseb xi ftit fuq il-kobor t'Alla. U hu preċiżament għalhekk -- għax qagħad jaħseb fuq il-kobor u l-majestà t'Alla -- li Dun Karm wasal biex jikkomponi poeżija daqshekk elevata. Meta poeta fi ħsebijietu jagħmel kuntatt ma' xi ħaġa divina, mill-isplużjoni joħorġu versi daqsxejn tqal li jkun fihom wisq x'wieħed jixtarr. Dun Karm Farrugia, pereżempju, jipprova jitkixxef għaliex ilħobbu Ġesù wara li kasbru u dineb kontrih: "Għaliex Tħobbni Ġesu' Tiegħi?" (M/61 p.8). Wallace P. Gulia, f' "De Profundis" (D/62 p.117-121) jipprova jifhem il-kobor mill-qawwa t'Alla, iżda meta jirrifletti ġisem il-bniedem bit-tqanqiliet u l-passjonijiet tiegħu jitħawwad għax ma jkunx jista' jifhem kif dan laħamna li "jbejjed id-dud" u hu vulnerabbli għal kul qżiżijiet "jista' jkun l-għamara ta' l-Ispirtu Santu". Imbagħad f' "Marjana" (S/55 p.74-76) jintebaħ li jrid isir bħat-tfal żgħar biex isib is-sliem. U jkun se jaqta' qalbu meta jistaqsi kif jista' jkun li jinsa l-esperjanzi kollha tal-ħajja bil-passjonijiet mixwija fuq il-gradilja taż-żgħożija". Imma l-faraġ isibu fil-Madonna. Fil-waqt li Ġużè Cardona f' "Għaliex Mulejja?" (Ġ/62 p.49-50) jistaqsi 'l Alla għaliex fid-dinja hawn dan it-taħwid kollu, fejn il-ħlejjaq ikasbru lill-Ħallieq, fejn xi bnedmin qegħdin lebsin il-maskra tal-ipokrezija, u fejn hawn mard u gwerer. Kif diġà għidna, dawn it-tipi ta'

poeżiji huma aktar riflessivi milli emozzjonali, għaliex il-poeti jrażżnu t-tqanqiliet umani tagħhom.

Jagħmel x'jagħmel il-bniedam, bilfors irid ikun hemm xi waqtiet f'ħajtu meta hu jdur lejn Alla u jipprova jsib il-faraġ fih. P. Val. V. Barbara f' "Faraġ" (D/45 p.104) jurina kif il-bniedem meta jsofri jew jaqa' f-irdum sħiħ ta' deżolazzjoni, jirribella kontra n-natura tiegħu stess biex jilmenta "x'nambi din ħajti" u f'ħin wieħed isejjaħ lill-mewt:

"Ersaq, ja Mewt, ħudni miegħek,
Żommni taħt ħarstek marbut,
Le m'intix jasar, il-jasar hi l-ħajja,
Miegħek imgħannaq immut."

Bniedem hekk, li saħansitra jasal biex jisħet 'l ommu, bilfors li jkun irid jiċħad il-ħajja. Iżda malajr jimmuta malli jħares madwaru u jħoss ir-raġġi tax-xemx jolqtuh għax huma jfakkruh f'Alla u fih jistabar għax hemm il-faraġ. Lil Alla mhux kulħadd iħares lejh bl-istess għajn: hemm min iqisu bħala ħabib li ma jidħak b'ħadd; hemm min jarah bħala sid jew mgħallem t'għerf infinit; oħrajn jaraw fih il-kenn sħun ta' missier twajjeb; u oħrajn ilibbsuh il-korazza ta' mexxej għaqli. Iżda l-aktar attribut li naraw f'dawn il-poeżiji huwa l-ħniena ta' Alla li tidher f'kollox: fil-faraġ li l-bniedem isib fih; fil-ħolqien; fil-fidwa; u fit-talb tan-nies li jduru lejh biex jeħlishom mill-gwerer. Fis-sunett tiegħu "Sejħa t'Alla" (S/56 p.76) Ġużè Muscat Azzopardi fl-aħħar terzina jiftakar fil-ħniena t'Alla meta jgħidlu biex

"…f'mewti tiftakarx kemm drabi slabtek:
li ħlaqtni ftakar biex nithenna miegħek."

Dan hu kunċett mogħni b'kull għaxqa ta' ġmiel spiritwali li tagħti gieħ u qima lill-Ħallieq. U ma' dan il-poeta messu żied ukoll il-ħsieb li Dun Karm fisser f'għaxar sillabi biss meta tbissem 'l Alla u qallu:

“għax Inti,
Mulej,
tal-midneb
Feddej.”
(Int Alla Ħanin:  D/26 p.129).

Il-poeta, imħeġġeġ minn sentimenti għoljin, jintilef f’riflessjonijiet etiċi u jasal biex jibni dinja lirika.  Iżda f’din id-dinja hu juri biss ftit minn imħabbtu lejn Alla.  Ma jistax ikun li fin-nisġa tal-versi jidher kollox għax ħadd ma jista’ jgħid, la bi kliem maħżuż u l-anqas bi kliem mitkellem, dak kollu li jħoss jew li jaħseb.

Il-poeta li jaħseb fuq Alla ma jistax ikun li ma jaħsibx ukoll fuq ir-relazzjoni li hemm bejn Alla u l-Bniedem.  Iżda din ir-relazzjoni mhux għal kulħadd hi l-istess: hemm min iħares lejha minn aspett pożittiv u hemm min iħares lejha minn aspett negativ.  Biex infisser sew dak li nixtieq ngħid se nieħu żewġ poeti-qassisin u nuri kif kultant jaħsbu differenti, għalkemm wieħed hu d-dixxiplu ta’ l-ieħor.  Dun Karm fil-poeżija “Il-Għanja ta’ l-Imħabba “ (Ġ/39 p.38) jilmaħ l-egoiżmu ħaj fil-bniedem meta jikkonsidra r-relazzjoni Alla-Ħolqien-Bniedem:

“Il-Bniedam biss li jaf x’inhi l-imħabba
L-Imħabba ma ħabbhiex;
Qalbu kesħet fis-silġ tal-Jien imħabbar
U l-għanja m’għannihiex.”

Il-poeta hawnhekk jitħassar lill-bniedem talli ma jroddx l-imħabba lil Alla għax hu tant imgħaffeġ mill-kburija iebsa ta’ qalbu.  Iżda mhux hekk Dun Frans Camilleri meta joqgħod jikkontempla fuq l-istess trianglu.  F’ “Iżjed mill-Għoli” (D/64 p.105) il-bniedem jidher iktar elevat u dinjituż mill-ħlejjaq kollha għax ġismu hu maqdes sħiħ li jirrifletti ’l Alla.

"Imma jitgħaxxaq jara
mhux fejn noqogħdu aħna
-- il-palazz jew l-għorfa --
iżda lilna l-bnedmin, fqajrin u għonja,
tempji ħajjin fejn iħobb jgħammar Hu."

Il-bniedem hu tempju ħaj t'Alla, għax hu ġie msawwar fi xbieha tiegħu meta nefaħ fih ruħ imqaddsa.

F'poeżiji riflessivi naraw kif ħsieb teoloġiku jintlibes f'nota lirika li ssebbaħ il-loġika kiesħa u turi s-sbuħija tal-Fidi, ukoll jekk fl-essenza tagħhom xi poeti huma eżistenzjalisti jew soġġettivi. Iżda meta nduru għall-innijiet dawn mhux daqshekk iebsin biex tifhimhom għax huma versi ħfief u mmużikati, u huma tajbin kemm għal-letterarju u kif ukoll għar-reliġjuż. L-innijiet għandhom siwi letterarju għax ħelwin u juru kemm il-Maltin, nies tassew reliġjużi, jagħtu każ iċ-ċerimonji tal-knisja. Huma jġiegħelu lin-nies jieħdu aktar sehem fil-funzjonijiet u jsemmgħu leħinhom fil-kulti reliġjużi tagħna. Dawn l-innijiet xi ftit jew wisq dejjem għenu biex jimlew dik ir-rokna fil-ħajja reliġjuża Maltija li kienet vojta. Dari ħafna mill-innijiet tal-patruni parrokjali kienu jinkitbu b'ilsna barranin, u l-poplu kien ikollu joqgħod jisma' d-daqq għax il-kant ma kienx jifhmu.

Għalina l-Maltin il-Fidi hija ġawhra prezzjuża li wrtina minn ġenerazzjoni għall-oħra kultant b'tixrid ta' demm. Aħna nibqgħu ngħożżuha bħala wirt nazzjonali, u xhieda ta' dan huma l-ħafna poeti Maltin li ħambqu patrijottikament favur ir-reliġjon Nisranija.

"L-ewwel u l-oħla dmir li tħobb lil Alla
għax minnu d-dawl utieq li jtik il-ħajja;
Alla fi ħsiebek, mat-tektik ta' qalbek,
Alla ma' dwarek."

(Alla u Art Twelidna: D/41 p.144-145)

Din hi fehmet Ġużè Chetcuti li aktar 'il quddiem fis-saffika jgħid kif għalkemm "inqerdu ġnus bil-kotra" il-ġens Malti baqa' "bla mtiefes f'dinu". U għax baqa' fidil lejn dinu l-ġens Malti baqa' wkoll unit. Hi din l-għaqda tal-poplu fi zmenijiet t'għawġ kbir li tagħmilna ġens. Dan jurihulna Dun Karm fil-poeżija "1921" (D/39 p.80) meta jindirizza lill-poplu Malti nhar l-għoti tal-Kostituzzjoni:

"Għandek mera fil-ljuni qalbiena
Illi tqabdu mal-Mislem magħdub;
Kienu ftit, u kien għadu bla ħniena,
Iżda rebħu bil-għaqda tal-qlub."

Il-poeziji **PATRIJOTTIĊI** jgħinu biex insaħħu n-nazzjonalità Maltija għax inisslu tqanqiliet ta' lealtà u mħabba lejn dak kollu li hu Malti. Ħafna huma dawk li sabu l-ispirazzjoni fil-patrijottiżmu għax jaqblu ma' Rużar Briffa:

"Li n-nies Maltija ġens mill-ewwelnett,
u qatt ma tista' ġġerraħ rix ħaddieħor
għax għandha tagħna."
(Ġens il-Malti: S/25 p.89).

Fil-patrijottiżmu tidher il-qima li tistħoqq lil Artna, għax dan is-sens mhu xejn ħlief stqarrija ta' mħabba għall-Gżejjer Maltin. Il-ġrajja u l-istorja ta' ġensna jgħaxxqu u jqanqlu l-qlub poetiċi li twieldu fuq dawn il-Gżejjer ċkejknin, u jnisslulhom imħabba li tisboq kull imħabba oħra. Tant hu hekk li l-hena u d-dwejjaq ta' Malta jkunu wkoll l-hena u d-dwejjaq ta' niesha, għaliex min iħobb għandu jaqsam kemm ferħ u kemm niket mal-maħbuba tiegħu. Issa naraw lil Nikol Biancardi jifraħ fit-8 ta' Settembru:

"Dħul Settembru! B'leħen wieħed
ngħannu lkoll l-għanja tar-Rebħ!
Malta tqabdet! Malta rebħet!
Feġġ fuq Malta żmien is-sebħ."

(Il-Għanja tar-Rebħa: S/43 p.70).

U issa lil Ġużè Chetcuti jibki għax il-gwerra ma ġabet xejn għajr qerda, għalkemm Malta kienet għal darba oħra rebbieħa:

“Fittixt fit-toroq: ġrejt fl-ibliet u r-rħula
Nixxennaq għas-sabiħ b’ħeġġa u bi ħrara,
Ma rajtx ħlief ħerba. Ħassejt għafsa b’qalbi
X’ħin, mort fejn mort, ma sibtx ħlief dmugħ
u ħsara.”
(Lil Malta: M/44 p.4)

Kultant ukoll jagħtuha ċanfira ta’ korrezzjoni, mhux ta’ tmaqdir; ċanfira maħruġa mill-qalb u mlibbsa l-libsa tal-patrijottiżmu għax lil arthom ikunu jridulha l-ġid.

“Malta tiegħi, jien rajtek filgħaxija
Tiġġerra max-xtajtiet u t-triqat tiegħek;
Tilbes, titkellem, tidħak bla mistħija
U fi mħabbiet bla ġieħ, belha, titmiegħek.”
(Liema…?: S/44 p.90)

Hawnhekk Dun Karm jgħid lil Malta biex toqgħod attenta mill-barranin, u jwaħħal fihom talli qegħdin iħażżnuha u jneżżgħulha l-libsa rżina sa fuq driegħha. Iżda mbagħad meta l-Poeta Nazzjonali tagħna jintebaħ li huma l-Maltin stess li qegħdin ibikku ’l Malta mħabba s-serq tal-“black market”, hu jixher:

“Għaliex, mela, narak b’dak wiċċek niedi
Bid-dmugħ? X’inhu li q’ed, j’Omm, ibikkik?
‘Faħħruni l-barranin…kasbruni wliedi’.
(Biki ta’ Omm: M/43 p.5)

Dawn iż-żewġ ċanfiriet għandhom xejra ta' profeziji. Il-poeta jitwaħħad mal-profeta biex iwissi bi ftit didattiċiżmu lill-Maltin: jekk ulied Malta ma jwarrbux il-bluha tal-barranin u l-egoiżmu tagħhom ukoll ma' ħuthom stess, allura Malta se ssib ruħha b'qagħda tassew ħażina għax se tmur għall-agħar moralment – għalkemm diġà tinsab fiżikament imġarrfa bil-balal qerredija.

Dawn kienu s-suġġetti l-aktar li ġew itrattati fil-poeżiji profani u reliġjużi fi żmien l-aħħar gwerra dinjija. Iżda l-patrijottiżmu nsibuh jieħu bixra oħra. Il-poeti dejjem taw ġieħ xieraq lil niesna kbar u bnewlhom monumenti liriċi li ma jittieklu b'ebda xita jew riħ. Imma meta jkun hawn xi nuqqas ta' qima lil xi ħadd Malti, arah il-poeta bil-pinna tiegħu iħarbex biex isewwi:

"xortik ħaqritek ħaj, ħaqritek mejjet,
u baqgħet sa dal-jum tagħtik bis-sieq."
(Lil Dun Mikoel Xerri: S/62 p.67-71)

Bla ebda mistħija Karmenu Vassallo jgħolli leħnu għan-nuqqas ta' rispett li l-Maltin qegħdin juru lil wieħed li ċarċar demmu għall-ġieħ ta' Malta u baqa' mingħajr ebda mafkar wara li għaddew 'il fuq minn seklu u nofs. Vassallo jniggeż għax hekk kien hemm bżonn. Infatti f'din il-poeżija ninnotaw ħjiel ta' sarkażmu Ġustjan meta jistaqsi lil Dun Mikiel jedd iltaqax mal-Poeta Nazzjonali u jekk dan qallux kemm il-Maltin għadhom jiftakru lil dak li ċarċar demmu għal ġieħhom. Vassallo jgħidlu ironikament:

"naħseb li kliemu qanqlek
u għandu mnejn ħajrek ukoll ma' ruħek
safja u sabiħa terġa' tgħaqqad ġismek
biex tiġi ttertqu u tbiċċru għat-tieni darba
għall-fidwa tal-Maltin."

Il-patrijottiżmu hawnhekk hu differenti minn dak tas-soltu. Il-poeta ma jfaħħarx, imma jmaqdar biex jikkundanna n-nuqqas ta' mħabba lejn wieħed li kien xkubettjat għax ried li ġensu jkun ħieles.

Jekk poeta jħobb lil Gżiritu ma jistax jonqos li jkun iħobb ukoll ilsienu. Il-patrijottiżmu għall-Malti l-aktar li deher kien fiż-żmien taċ-ċaħda. Ħafna ssiltu bl-aħrax biex l-ilsien nazzjonali jieħu post xieraq f'daru, għax bosta kienu dawk li ntebħu li l-Malti kien mezz tajjeb ta' kommunikazzjoni billi wieħed seta' jinqeda bih f'kull fergħa tas-soċjetà. Dawk li kienu favur il-Malti kienu juru biċ-ċar li:

"Mhux Malti min imaqdar
lil dan ilsien sabiħ,
mhux Malti min għall-frugħa
jistħi jiftaħar bih."
(L-Ilsien Malti: Ġorġ Pisani M/37 p.16)

Kultant il-poeta kien jisbel meta jara lsienu mibgħud bl-ikreh:

"X'jimpurtani 'khux feniċju,
jekk hux għarbi jew latin,
jekk hux aħrax, jekk hux ħelu,
dan il-lsien tagħna l-Maltin."
(Il-Għanja tal-Lsien Malti: D/39 p.93-94).

L-imħabba għall-ilsien li ħa minn sider ommu ġġiegħel lil Dun Karm iwarrab b'ħeġġa kbira kull argument, kemm jekk hu lingwistiku u kemm jekk hu estetiku. Għalkemm dawk kollha li ġġieldu għall-Malti qalgħu ħafna fuq wiċċhom, kollha fehmu li lsienna kien li jagħmilna ġens uniku:

"Malti! oh Malti! Int biss ilsieni,
l-ilsna l-oħra barranin;

int tagħżilna mill-ġnus l-oħra,
bik tingħaraf il-Maltin."

Id-diwi ta' leħen il-poeta għadu magħna għalkemm forsi għad hawn min jaħseb xort'oħra.

Meta wieħed jgħid li jħobb 'l Art Twelidu jkun qed jgħid ukoll li jħobb ġrajjietha. Fuq sfond storiku nkitbu ħafna. Kultant wieħed ma jkunx jista' jagħmel distinzjoni bejn versi storiċi u oħrajn patrijottiċi, għaliex ġeneralemnt il-Poeżiji storiċi jkunu mqanqlin mis-sens patrijottiku tal-kittieb. Kif jurina sew il-Poeta tal-Istorja, element importanti fil-poeżiji storiċi huwa dak deskrittiv. Iżda d-deskrizzjonijiet iridu jkunu konċiżi mħabba n-natura tal-poeżija li ma tħallix wisa' għal xniexel żejda. Bħala eżempju nieħdu l-poeżija ta' Ġorġ Pisani "Għar Dalam" fejn insibu kif Malta nfirdet minn mal-kontinenti: il-baħar (D/33 p.122-123)

"Għalhekk bil-qawwa kollha
Li għandu ġewwa driegħu
Bil-lejl firidha mit-tgħanniq ta' sħabha,
U 'l hawn ħarrabha miegħu."

L-immaġinazzjoni tal-poeta tgħin ħafna biex toħloq kwadru sabiħ u ħaj. Pisani mar lura fl-istorja bikrija ta' Malta, f'dak il-perijodu meta ġrajjet Malta tnaqqxu fil-blat, imħaffer minn id in-natura u minn ebda id umana. U hekk tidher l-immaġinazzjoni għammiela tal-poeta.

Għidt li l-poeżija tixhed it-tqanqiliet umani tal-poeta, għalhekk ma jistax ikun li l-<u>IMĦABBA</u> titħalla barra: b'imħabba rrid infisser dik ta' raġel għal mara. Dan hu sentiment nobbli li nebbaħ ħafna poeti, għax l-imħabba hija mottiv importanti għall-ispirazzjoni u suġġett dinamiku. Il-ġibda ta' żewġt iqlub li twassal għaż-żwieġ hija ġibda sovraumana u mhix ta' min iwaqqagħha għaċ-ċajt. Iż-żagħżugħ, mheżheż mit-tbaqbiq tal-imħabba, jkanta, u l-għanja tiegħu tixgħel bis-sinċerità ta' qalbu. Bosta drabi huma l-versi liriċi li jesprimu għanjet l-imħabba u t-tul tagħhom jindika l-mument tal-lehma.

Hekk huma l-biċċa l-kbira tal-vrus ta' Briffa: ħelwin għax qosra u ħfif, u mimlijin imħabba Katullana. Iżda kultant il-versi jkunu twal għax il-poeta jinqeda b'dak il-metru li jħossu li jista' jfisser ruħu aħjar.

Element importanti li jidher fil-poeżiji tal-imħabba hija l-vitalità fil-vrus għax huma emozzjonali. U bilfors, għax il-poeta jbaqbaq bl-ifjen imħabba ta' żagħżugħ u jikkomponi għanjiet tassew sentittivi. Kull sentiment ikollu effett kbir fuq qalb sensittiva, u għalhekk l-iċken xrara tnibbet splużjoni kbira. Louis Ellul f' "Għanjiet ta' Mħabba" (S/48 p.93) irid jinsa ftit it-triq imħattba tal-ħajja u f'daqqa jdur fuq is-sieħba tiegħu, u

"Tfajla ninħabbu! Nimxu sfiq għall-ħdura!
Nitwaħħdu mat-tektik ta' qlubna t-tnejn,
Ingħixu siegħa ħienja f'għaxqa għalina,
Ninsew għal ftit l-imrar ta' dal-jumejn."

Kliem imħeġġeġ mir-rieda soda tal-maħbub. Hija kitba fiżiko-romantika li turi l-poeta kemm hu realistiku u li tfakkarni xi ftit f'Donne. Għalkemm irid jinsa l-hemm tal-ħajja biex jixxaħxaħ f'tgħanniqa amoruża, hu ma jintilefx f'avventura fantastika. L-imħabba fiżika mhix żina imma sentiment għoli għaliex hija ħaġa naturali. Pisani wkoll jokrob għal din ix-xorta ta' mħabba meta jiftakar fil-kuntatt fiżiku li hu kien ikollu mal-maħbuba tiegħu. Mhux se joqħod jinkwieta jekk il-kuluri tal-qawsalla, tal-fjuri u tal-għasafar jintilfu, basta jerġa' jara l-ħlewwa f'wiċċ it-tfajla ta' qalbu:

"Jekk jintilfu dal-lwien ftit jimporta
Kieku tista' int treġġa' s-sbuħija
Tal-lwien ħomor li kellek fuq wiċċek
Meta bistni fil-jiem taż-żogħżija."

(Lwien: Ġ/41 p.39)

Poeżija bħal din inqisha bħal tieqa fil-ħajja intima tal-poeta li jrid jiftaħ qalbu bis-sinċerità kollha mal-pinna tiegħu. U meta poeżija tkun introspettiva bilfors li tkun xi ftit aktar soġġettiva mill-oħrajn għax l-individwalità tal-poeta tidher tiġri fiha.

Fl-essenza tiegħu s-sentiment tal-imħabba f'kulħadd huwa l-istess, iżda l-mod kif il-poeti jittrattawh ivarja minn poeta għall-ieħor. Vincent Ungaro jixxennaq għall-ħajja avventuruża fl-imħabba u jgħid lil martu fil-waqt li jintilef f'ħolma t'illużjoni fantastika:

"Immorru, Marija,
Naħarbu flimkien,
Inħallu warajna
Malajr, bla dewmien
Did-dinja tad-dnewwa
Li tkasbar kull sewwa."
(Immorru…: M/56 p.22)

Il-versi qosra u ħfief tal-poeżija, b'rimi mqabbżin u mbewsin, jagħtu ħeġġa speċjali lill-kelmiet. U dil-ħeġġa tgħin biex tpinġi aħjar l-entużjażmu tal-poeta maħbub. Barra minn hekk il-versi fihom melodija, frott tas-sensitività tal-poeta li tgħin biex tnissel poeżija soġġettiva. Tant li l-poeta jikxef ruħu quddiemna, jurina ego mimli passjonijiet sajfin li jridu jisfogaw f'daqqa. Dan narawh kemm f'Ungaro u kemm fis-silta li kkwotajna minn Louis Ellul. Iżda meta nduru lejn Chetcuti, x'insibu? Insibu passività kbira fil-poeta tal-ottimiżmu, għax fl-imħabba hu jsib faraġ enormi, kenn minn "dal-ġenn ta' ħajja". F'ħin tad-dwejjaq jgħid:

"Ma x-xewqa waqgħet bħal ma taqa' werqa
Minn siġra mneżżgħa, x'ħin bħal daql ferraħni
Ta' ġid, ta' riżq li jien għożżejt bil-ħerqa:
Ħabbejt kif tħobb il-qalb: dad-Dawl rebaħni."
(Minn dawl il-Qalb…: D/41 p.110).

In-natural ta' Chetcuti huwa kalm, u dan jgħinu biex ikun ottimista f'kollox. Għalhekk huma effettivi l-versi ta' Chetcuti għax il-kalmezza tiegħu tidħollok fil-vini u tiġri fik ħalli sserrħek. Iżda kultant dil-kalmezza tħassarlu u tgħarraqlu l-poeżija. Fis-sunett "L-Ewwel Imħabba" (D/38 p.106) jidhirli li l-forma ftit tixraq lis-suġġett. Fih innifsu s-sunett tradizzjonali Shakesperjan ftit jista' jkun emozzjonali, mnħabba l-ħafna restrizzjonijiet ta' taqsim u r-rimi li jirrikjedi. U jien naħseb li f'deskrizzjoni tal-ewwel imħabba għandu jidher xi ftit mit-tbaqbiq ta' sentiment ġdid li jinbet f'qalb ta' tfajla fl-isbaħ żmien ta' żgħożitha.

Bilfors li jkun hemm trattamenti differenti għax dan is-sentiment jaħdem skond in-natural tal-bniedem. Barra minn hekk, insibu temi differenti għaliex l-imħabba tista' tkun aċċettata, fejn insibu nota ferrieħa jew passiva; tista' tkun imċaħda jew ikun hemm xi diżappunt fl-imħabba li jnissel nota ta' swied il-qalb; u nistgħu nsibu mħabba qatt imxebbgħa fejn x'aktarx ikollna taħlita ta' ferħ u niket maħruġin mill-illużjonijiet wid-diżillużjonijiet tal-poeta-bniedem. L-agħar ħaġa, imma, għall-poeta li jħobb hija t-tifkira qarsa li l-ħin hu qasir:

> "Qed nibża', jgħaddi ż-żmien, u ma' kull ħarsa
> Lejn din il-poeżija nerġa' mnikket
> L-imrar inġarrab tat-tifkira qarsa."
>
> ('Dilemma żżomni sieket': M/59 p.12)

Il-ħajja transitorja tnissillu bħal biża' lill-maħbub għax żmien għasli bħal dan ħadd ma jkun iridu jgħaddi.

Iżda għalkemm jittrattaw l-imħabba b'mod differenti, il-poeti tagħna qatt ma jinsew it-tagħlim nisrani tagħhom. Ma jħallux l-imħabba bejn iż-żewġ sessi tiġi mgħaffġa taħt ir-riġlejn bl-iskandli li l-kitba tista' tferrex.

Imħabba oħra hija dik familjari. Fil-poeżiji fuq il-FAMILJA għandna ferħ, malinkonija, tiġrib, esperjenzi, u xenqiet fit-taqbida għall-ħajja. Il-fattur ewlieni li

jwassal għal kitba ta' poeżija familjari huwa r-rispett għall-familja li jixhed qalb umana li taf tassew tħobb. Billi aħna lkoll membri ta' xi familja ma jistax ikun li l-poeżiji familjari ma jdoqqux nota li tqanqal f'qalb il-qarrej.

F'dawn il-poeżiji naraw lill-poeti jagħmlu diversi partijiet: issa misserijiet, issa wlied u issa rġiel ikellmu lil marthom jew lil ħuthom. Fil-ħajja familjari ninnotaw l-umanità tal-poeti fid-dehra sabiħa ta' l-imħabba paterna, fil-piż tal-ħajja li jħossu bħala kapijiet u fil-faraġ li jsibu f'uliedhom. Fl-ulied, għal min iwettaq l-obligu matrimonjali, tidher ir-rabta tal-familja. Għalhekk fil-jum tat-twelid ta' bintu Karmenu Vassallo, wara li jirrifletti ftit fuq il-kobor t'Alla, jgħid:

> "Naf biss li bżajt u fraħt u qalbi nqasmet
> għax ma felħitx iżżomm għal dal-misteru,
> li fil-familja ġiebli l-barka u s-sliem."
>
> (Binti: Ġ/41 p.40-42)

U l-poeta-missier waqt li joqgħod jaħseb ftit fuq il-ħajja, jispiċċa b'xi twissijiet għall-ulied għax iħoss anzjetà għall-ġejjieni:

> "Għal Alla u Art twelidek
> Agħti demmek u ġidek,
> F'idejk
> Ix-xabla, u n-nar f'għajnejk."
>
> (Lil Binti: D/43 p.76-77)

Il-paċi fil-famija lil Chetcuti tagħtu l-ispirazzjoni poetika u l-ottimiżmu qawwi li nosservaw fih. Lil Alla ma jinsiehx u jara kif jagħmel biex inissel imħabba għar-reliġjon f'uliedu.

Ir-rabta tal-familja bilfors li tinfluwenza t-tfulija tal-poeta, u għalhekk kultant jinfexx f'tifkiriet taż-żogħżija. U issa jitkellem fuqhom allegorikament, speċjalment meta jiftakar kif kien ikun imsaħħan u mkennen fil-ġabra tad-dar.

"Hemm f'qalbek moħbijin fl-ikbar misterju
il-ħajja u l-mewt. Int tifraħ fi twelidna
u tibki fit-tluq għaċ-ċimiterju."
(Id-Dar: D/62 p.110)

Fid-dar jiġri kollox, ferħ u niket, u d-dar f'personifikazzjoni waħda tirreaġixxi skond iċ-ċirkustanzi. Mhux ta' b'xejn Dun Frans Camilleri, f'dan is-sunett li jixbaħ ħafna "Il Focolare" ta' Pascoli fil-kunċett tiegħu, isejjaħ id-dar "bejta ta' mħabba."

Għal biċċa l-kbira tal-poeti n-NATURA hija ħarba mill-għeluq tar-realtà għall-ftuħ ħelliesi tagħha. U ma ssirx ta' xejn din il-ħarba, għax f'dak il-ħelsien tal-ftuħ il-poeti kultant iħossuhom jintilfu minn sensihom ħalli jagħmlu kuntatt m'Alla. Imbagħad l-imħabba t'Alla tingħaqad u titħallat mal-ġmiel żagħżugħ tal-ħolqien. Il-kliem ta' l-aħħar żewġ strofi idilliċi ta' "Xenqat ir-Raba'" ta' Dun Karm (M/26 p.14-15), jesprimu x-xewqa ta' bosta poeti oħra li ħażżu xi vrus fuq in-natura:

"Irrid dar ċkejkna li fuq ġbinha tisreġ
ix-xemx ta' nofs in-nhar, imżejna fl-aħdar
tad-dwieli u tal-lariNġ, nadifa u bajda
bl-insiġ tar-raħal.

U hemm nixtieq immut: minn hemm tittajjar
aktar ħafifa qalbi lejn is-sema;
aktar ħieles hemmhekk jinġabar ħsiebi
fil-ħniena t'Alla."

Il-poeta jixxennaq f'din is-saffika għall-irtubija ħelwa taħt riġlejh, għall-ħaxix niedi jħaxwex madwaru mal-fewġa friska, u għas-sema safi mikxuf fuq rasu. Ix-xewqa tal-poeta-bniedem imjassar mill-industrijaliżmu hi tant qawwija li bħal wieħed ħabsi, maqful f'ċella kiesħa u iebsa minn fejn roqgħa kwadra biss turih "terħa kaħla s-sema", jiftaħ garġieħ biex jgħajjat b'ħeġġa kbira:

"Iftħuli dawn is-swar ħa noħroġ barra
fix-xemx, qalb l-għana ta' l-agħsafar, fl-ajru
mimli bis-saħħa, ifuħ b-riħet il-plejju
b'riħet is-sagħtar."

Dan l-entużjażmu għall-ħajja raħlija nistħajlu wkoll fil-poeti l-oħra li jixtiequ jinsew ftit il-ħajja ta' kuljum ħa jsibu l-faraġ u jiftakru fl-id għaqlija tal-Ħallieq. Għax kif jgħidilna Anton Buttiġieġ, li għalih n-natura hi "l-ħolma t'Alla", qalb l-għelieqi traxxax l-hena tas-sema:

"Hemm fi ftit kliem il-barka tas-smewwiet,
il-ħajja ġdida mnibbta kull rebbiegħa
fuq il-fdal ta' l-imwiet ta' l-art fil-qiegħa."
(Xita tad-Deheb: S/47 p.77)

U bilfors li jkun hemm dan is-sliem għax Alla f'kulħadd jaħseb, sa l-inqas ħlejqa. Lill-bniedem il-Providenza tagħtu n-natura mhux biss biex jitgħaxxaq biha iżda wkoll biex titimgħu. Ix-xita li tħabbat, tfawwar, ixxarrab u ssaqqi għandha ħtieġa kbira ankè għal din il-Gżira żgħira; u fix-xita jidher ferm qawwi l-ħsieb tal-Providenza:

"Alla jibagħtek hawn, fuq din l-art fqira
Għax ħadd ħlief Alla waħdu ma jitmagħna."
(Lix-xita: M/50 p.5)

Hekk jgħidilha Vincent Ungaro lix-xita li sservi bħala għajnuna kbira lill-bniedem. Iżda l-bniedem, mgħaffeġ mill-egoiżmu naturali, kultant jinsa lill-Ħallieq tiegħu u ma jumiljax ruħu quddiem Alla. Għalhekk meta jiġi f'kuntrast man-natura l-bniedem narawh mimli kburija, kif uriena sew Dun Karm f'"Għana ta' l-Imħabba" (Ġ/39 p.38). Il-ħsieb tal-Poeta Nazzjonali hawnhekk, ma kienx illi jgħajjar lill-bniedem, iżda kien li jurih l-iżball tiegħu u jiftaħlu għanjejh biex jitgħallem mill-ħolqien. U min-natura hemm ħafna x'wieħed jitgħallem. Għal Dun Frans Camilleri n-natura kienet bħal dik il-kewkba zahrija li tmexxi lill-baħħar fi triqtu. Id-dielja stħajjilha bħall-omm twajba li ma tafx iżżomm f'qalbha għalkemm kull sena jċaħħdulha lil uliedha, u din is-siġra dawlitlu moħħu u nebbħitu biex jissokta fil-missjoni qaddisa tiegħu:

"Bħalek imxejt x'ħin kont sa naqta' qalbi
fit-triq ta' l-ideal li qbadt minn dejjem,
fil-wiegħda ta' tfuliti
li nwettaq bla waqfien egħmil ta' ħniena."
(Id-Dielja: M/64 p.12)

Il-poeta lin-natura jkellimha direttament bil-ħsieb li jgħaqqadha m'Alla, u lill-ħlejjaq tagħha jqegħdhom f'qoxra ta' antropomorfiżmu. Hekk il-fidi tiegħu f'Alla juriha fin-natura meta fiha jinbela' biex jitwaħħad magħha ħalli jkun jista' jħoss dak kollu li tħoss hi. Barra minn hekk, il-poeta kultant jitħabbeb ma' xi ħaġa fil-ħolqien speċjalment meta jkun magħfus sewwa minn xi sentiment, bħalma Victor Hugo fl-eżilju tiegħu sab ħabib fil-baħar imqalleb tal-gżira ta' Guernsey. Ġużè Chetcuti f' "Nocturne II" (M/41 p.17-18) ma jagħmilx id-dlam l-għadu tiegħu imma jarah bħala ħabib ħanin għaliex fih isib kenn ta' serħ u faraġ li jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ħaddiem:

"Mhux mewt u mhux qerda
Iġib miegħu d-dlam,
'Ma jxerred fil-ħajja
Il-hena tas-serħ."

Għalhekk il-poeti jduru lejn in-natura għax fl-isfog tagħhom jaraw messaġġ ta' tjieba. Fid-dwejjaq tiegħu Karmenu Vassallo jsib refuġju fix-xahar ta' Ottubru:

"Ottubru tiegħi, ħlas in-niket, ejja,
ejja għal bewset is-sliema; ejja fi ħdani
ħa 'ngħannqek miegħi bħala tfajjel ħelu
li jaf l-hena tad-dmugħ."
(Ottubru: M/36 p.35)

Għalkemm dan ix-xahar hu xahar x'aktarx tad-dwejjaq il-poeta ma jistmerrux iżda fih isib konsolazzjoni kbira għax bħalu hu mnikket, u ftit iktar 'il quddiem isejjaħlu bl-isem espressiv ta' "ħabib".

F'xogħol kreattiv, l-element simboliku mħallat ma' dak morali nsibuh magħġun fil-ħajja veġetali u animaleska, u mqiegħed b'sengħa kbira fuq tila minn ta' Turner. F'saffika oħra Dun Karm jimmaġina taħlita ta' kuluri li jfissru niket u ferħ, u juri kif f'kull hemm nistgħu naraw xi xaqq ta' tama:

"Naħseb: vistu u lellux…bejn l-art u s-sema
nistħajjel gwienaħ ħfief ta' rwieħ jittajru:
taħthom tfewwaħ il-ġonna u fuqhom tidħak
ħelwa l-Libiena."
(Il-Libiena: D/40 p.59)

Il-Libiena, li tiġi fl-aktar xahar iswed tas-sena, ix-xahar tal-mejtin, tissimbolizza d-dawl ta' tama li wieħed jista' jilmaħ qalb in-niket tiegħu kollu. Fil-poeżija "Friegħi" (Ġ/50 p.57-58) P. Val. V. Barbara jgħid kif sawwar dehnu sod biex ikun jista' jgħix aktar hieni:

"Għolja l-ħajja: nwar u palm ħadrani
jien insiġt b'għelma ta' ħelsien żgħożiti,
nwar li għad jiftaħ f'dell il-palm tar-rebħa

għas-sħana ta' xemx Mejju fi rġuliti."

Din hi strofa li ma tistax ma tfakkarnix fil-qawl: dak li tiżra', taħsad. Poeżiji bħal dawn jagħtuna studju ta' dwal u lwien impoġġija f'atmosfera naturali biex jisiltu s-sbuħija tal-kampanja Maltija u għalhekk fihom naraw is-sens ta' nazzjonaliżmu tal-poeti. L-iżvolġimenti tas-suġġetti huwa mseddaq b'dettalji pittoreski u d-deskrizzjonijiet huma tant eżatti li jagħtuna stampi tal-fotografija, u wieħed jista' jqishom barra minn hekk essays fuq l-Istorja Naturali ta' artna mżewqin b'dettalji fil-fantasija artistika u bir-ritmu tal-ħolqien. Deskrizzjoni artistika bħal:

"F'baħar tan-nar niżlet ix-xemx: id-dija
Għadha titnikker bejn is-sema w ilma.
Bdiet taqa' r-reżħa ta' lejla xitwija,
Xi kewkba 'l hawn u 'l hinn diġà bidet tilma"
(Merħla Ngħaġ: M/41 p.13).

jew bħal:

"Il-mewġ ikisser, jitħan
Fost beraq, rgħad u riħ
Bħal ljun bir-ragħwa f'ħalqu
U jċekċek sninu sħiħ;
Daqs sur fl-irdum, fil-plajja,
Tiqaflu int, Xerbett."
(Xerbett: S/58 p.77-78).

U ħsejjes bħal ma nsibu hawn:

"tisma' jħaxwex u jiġri
xi ġurdien illi tgħallem minn ġrajjietu
li d-dlam ħabibu …….

It-twerżieqa ta' grillu
Illi twennes u traqqad."
(Nofs il-Lejl Sajfi: S/26 p.103).

jagħtuna dettalji sbieħ u fl-istess ħin juruna l-ġmiel poetiku, tant li wieħed jista' jgħid illi fil-poeżija tagħhom il-poeti sabu palk biex ifissru l-ħsebijiet ta' moħħhom fuq il-ħolqien li huma riedu jagħqqdu mat-tqanqil reliġjuż.

Ħafna mill-poeżiji li nkitbu f'*Il-Malti* għandhom xejra tradizzjonali. Il-kritiku tal-lum, imma, qed jilmaħ bidla fil-kitba tal-poeżija u qed jara l-poeti joħorġu mill-għeluq tar-raħal Malti biex jimirħu aktar id-dinja: "The glass-house within which Maltese artists had insulated themselves for centuries from outer influences was shattered and the four winds let in, blowing from the four corners of the world."[4] Din il-bidla x'aktarx li bidet isseħħ fis-snin sittin, u jekk wieħed jifli sewwa r-rivista ta' *Il-Malti* li ħarġu matul daż-żmien għandu jsib xi poeżiji li juru din it-taqliba letterarja.

Il-biċċa l-kbira tal-poeti tradizzjonali baqgħu marbutin ma' l-istess suġġetti, suġġetti li juru l-patrijottużmu jew ir-reliġjon tal-poeta. Din ir-rabta mal-konservattiżmu x'aktarx li kienet mgħejjuna mill-pressjoni soċjali u reliġjuża. Il-ħakma barranija fixklet mhux ftit l-iżvilupp tal-kultura Maltija; barra minn hekk, il-poeti ma setgħux jgħidu dak kollu li kienu jħossu mħabba l-ambjent kattoliku. Iżda meta laħqu l-**POETI ĠODDA** dawn riedu jwarrbu ħafna minn dan l-ribit biex juru li l-letteratura Maltija tista' tilħaq l-istess livell ta' letteraturi kontemporanji.

L-ewwel ħaġa li għamlu l-poeti l-ġodda kienet li warrbu ħafna mill-irbit tekniku, sabiex ikunu aktar ħielsa fil-kitba tagħhom meta riedu jitħaddtu fuq l-esperjenzi spiritwali tagħhom bħala individwi. Imbagħad dawn il-poeti bdew ifittxu l-forom l-iżjed effettivi u bdew jinqdew bi kliem ħieles, mingħajr ma qagħdu jitrażżnu mill-kostruzzjonijiet tal-Malti Safi. Kultant ukoll issib xi element grammatikali nieqes minn xi sentenza f'poeżija

[4] "Introduction" ta' Prof. P. Serracino Inglott, f'*Contemporary Art in Malta* (A Malta Arts Festival Publicaton – 1973); p.7.

moderna, bħalma nsibu l-ewwel żewġ strofi ta' "Idealiżmu" (M/67 p.4) ta' Charles Coleiro:

"Polvri u nirien
nirien u theżżiż
theżżiż u tiġrif
iġsma bir-radam fit-triq.

Pitrolju u nirien
nirien u partijiet
partijiet u pagoda
pagoda u twemmin
iġsma mixwija fit-triq."

Dan l-istil asintattiku, li m'ilux wisq li beda jinħadem fil-letteratura moderna, iħalli effetti kbar għax, kif jgħid G. N. Leech, għandu "the function of impressionaistically evoking psychological states."[5]. Fis-silta minn "Idealiżmu" ma nsibu ebda verb iżda f'kull strofa għandna lista ta' nomi, ħafna minnhom irrepetuti, li tispiċċa bi frażi nominali. Semantikament in-nomi jissuġġerixxu ġlied u ħruq; ġlied għal xi ħaġa sagra, għal xi ideal li ma jistax jintlaħaq għajr forsi bi ġlied u qerda. Il-figuri reliġjużi tal-patrijiet u tal-pagodi jgħollu l-ideal 'il fuq u juru li mhux xi ideal taċ-ċajt iżda wieħed serju u ta' min jiġġieled għalih. Ir-repetizzjoni fl-"anadiplosis" iżżid l-intensità tas-sentimenti mjassrin tal-idealista: sentimenti mrażżnin li ma jistgħux jisfugaw u għalhekk il-poeta jinfexx f'repetizzjoni lingwistika. Il-paralleliżmu, fuq kollox, imsawwar skond il-formula (Nom + U + Nom), inissel nota ċerimonjali u formali li toħloq kuntrast mal-kontenut mimli taħwid u qerda. Kif naraw, mela, minn din l-analiżi ħafifa tal-poeżija "Idealiżmu", eżempju tajjeb ħafna tal-poeżija moderna, il-poeta ma jitkellimx direttament mal-qarrejja tiegħu. Iżda jkellimhom permezz ta' assoċjazzjonijiet u ta' figuri li kollha flimkien

[5] "Varieties of Poetic Licence" f' *A Linguistic Guide to English Poetry* ta' G. N. Leech, (Longman – 1969); p.46.

inisslu interpretazzjoni waħda: l-idealiżmu jenħtieġ it-tixrid tad-demm li jitqaddes imħabba das-sagrifiċċju.

L-istess stil asintattiku nsibuh ukoll f'dis-silta li ġejja minn "Ħbiberija" (S/67 p.84) ta' P. Val. V. Barbara:

"Wisa', beraħ,
waħdi, ċkejken,
duda fl-immensità."

In-nuqqas ta' elementi grammatikali huma effettivi ħafna. Suġġett m'għandniex u l-qarrej jistaqsi "min hu d-duda, min hu l-immensità?" Il-poeta beda joħloq kuntrast bejn Alla u l-bniedem mill-bidunett: l-aġġettivi li japplikaw għall-immensità huma "wisa'", "beraħ"; għad-duda "waħdi", "ċkejken". Dan il-kuntrast huwa mqiegħed f'paralleliżmu li jseddaq is-suġġett u jagħmlu iżjed formali. Barra minn hekk, nimmaġinaw aħjar din l-immensità li fuqha qed jitħaddet il-poeta: il-poeta qed jgħidilna li Alla, fl-immensità tiegħu, m'għandux trufijiet fi żmien. Ma kienx biżżejjed li jgħidulna dan bil-kliem biss, imma ried jgħidulna bi stil bla verb. Hekk ħass il-poeta li seta' jfisser ruħu l-aħjar, permezz ta' dan il-metodu.

Il-poeta modern beda x'aktarx jagħżel suġġetti li huma ta' bixra astratta biex jitħaddet fuqhom u dan forsi l-għaliex beda jkollu iżjed kuntatti mal-fergħat tal-filosofija u l-psikoloġija. E. Attard f' "Dalma" (M/67 p.21) jitkellem fuq

"… t-toqol tal-ħajja
li nieżel kuljum"

biex jgħaffiġlu qalbu; P. Val. V. Barbara jkellem direttament "Lill-Kruha" (M/67 p.8) u jgħid li qed jilmaħha kullimkien; f' "Mewt u Ħajja" (S/67 p.74) Pawlu Cachia jqiegħed f'kuntrast it-twelid, meta t-tarbija tarija taqbad "t-trejqa ta' xefaq id-dija", u l-mewt, meta l-bniedem jimtedd biex jorqod "fit-trab tax-xjuħija"; f' "Dubji" (S.67 p.87) Oliver

Friġġieri jistaqsi ħafna mistoqsijiet fuq it-tama fil-ħajja tal-bniedem. Bosta drabi dawn il-poeti jfittxu metafori li huma astratti wkoll. Hekk Friġġieri f' "Dubji" jistaqsi:

"Għaliex seħer l-imħabba
isewwes mill-mibegħda…?"

U meta hu jitkellem fuq il-ħerba soċjali li tinqala' kieku kulħadd kellu jitlaq għar-rieħu fil-poeżija "Ħerba" (S/68 p.83), juża l-espressjoni "d-dell tal-ġuħ u l-kruha"; P. Val. V. Barbara jinduna kemm iħobb lil Alla wkoll meta jħares "fil-waħx tar-ruħ", fil-poeżija "Ħbiberija" (S/67 p.84).

Poeżija tista' tkun moderna mħabba li s-suġġett ikun wieħed modern. Fil-poeżija "Lill-Kruha" P. Val. V. Barbara beda jsib ħafna affarijiet koroh fid-dinja moderna. Fost ħafna ħwejjeġ oħra jsemmi l-użu tad-drogi:

"Fis-swali maħnuqin b'żgħożija mħallta,
Tiela' quddiemek bħur jitlef l-irjus
u jqabbad il-ħuġġieġa tal-passjoni."

u jsemmi "il-pupi sbieħ b'xagħ'rhom tal-Beatles". Is-suġġetti huma ta' żmienna ukoll fil-poeżiji ta' Charles Coleiro "Idealiżmu" u "Ċinerama" (S/67 p.68-69). Dawn l-eżempji juruna kif il-kitba tirrifletti l-kultura u ż-żmien tal-kittieb. F' "Ċinerama" Coleiro juża xi frażijiet li huma ambigwi fis-sens: "jitkellem bla kliem" u "imdejqa fil-ferħ". Teħodhom waħidhom dawn jidhru ħmerijiet tal-poeta: l-ewwel element f'kull frażi jmur kontra t-tieni u għalhekk il-frażi tidher semantikament assurda. Jekk nitfgħuhom f'dijagrammi dawn iż-żewġ frażijiet jidhru hekk:[6]

(a) 


[6] Din is-sistema hi meħuda minn "The Irrational in Poetry" f'A Linguistic Guide to English Poetry ta' G. N. Leech, p.134.

(b)




Imma meta mbagħad teħodhom fil-kuntest tagħhom issib li "jitkellem" qed tintuża fis-sens ta' "jagħmel il-ħsejjes" għax iċ-ċekċik u n-nifsijiet huma ħsejjes bla kliem; fit-tieni waħda, hija l-partiċella "bi" li qed toħloq l-ambigwità kollha għax qed tintuża flok "minħabba": id-dwejjaq tan-nies qed iqum għax intemm il-post li kienu qed jieħdu waqt li qed jaraw il-film.

Għalkemm x'uħud minn dawn l-elementi m'humiex karatteristii tal-poeżija moderna biss, huma qegħdin jinħadmu l-aktar mill-poeti moderni. Ġeneralement dawn l-elementi nsibuhom f'xogħlijiet ta' l-immaġinazzjoni, imma għandhom il-qawwa li jdawru l-immaġinazzjoni f'realtà: "In this respect the poet seems to aspire some way towards the condition of the religious mystic: the state in which the relation between 'reality' and 'immagination' is reversed, the imaginary becoming more real than the apparent."[7]

## (b) IL-PROŻA

Għalkemm ir-rumanz Malti m'ilux wisq li beda jinqata' mill-għeluq tan-nazzjonaliżmu biex idur lejn suġġetti aktar universali[8], fil-kitba tan-novelli l-iżvilupp sar aktar malajr[9]. U dan forsi l-għaliex kien hawn iżjed kittieba li esprimew bin-novella, li

[7] ibid. p.144.
[8] Ara: "Il-Gaġġa" f'*Ir-Ruħ fil-Kelma* ta' Oliver Friġġieri, (K.K.M. – 1972); p.101 ff.
[9] Ħafna mill-eżempji t'hawn taħt huma meħudin mill-ewwel snin sabiex nuri kemm in-novella Maltija żviluppat kmieni.

minħabba li hi qasira x'aktarx li teħodlok inqas żmien biex tinsigħa. Jista' jkun ukoll li kienet iżjed ħaġa ħafifa li ssawwar rumanz soċjali u storiku milli wieħed ta' bixra psikoloġika u analitika, billi dan jitlob aktar taħbil il-moħħ. Din id-diffikultà tonqos xi ftit fil-kitba tan-novella, imħabba n-natura tal-forma, u hu għalhekk x'aktarx li l-awtur Malti beda janalizża moħħ il-bniedem fin-novella iżjed milli fir-rumanz.

Mhux la kemm wieħed jaqbad u jagħti definizzjoni sħiħa ta' x'inhi novella għax mhix ħaġa ħafifa li tiġbed linji dritti u preċiżi bejn dawk ix-xogħlijiet li jixbħu ħafna n-novella: jiġifieri, l-ħrafa, l-isketch u l-essay. Għaldaqstant hija eħfef li titħaddet fuq xi elementi u karatteristiċi li jagħtuk ħjiel ta' x'inhi novella, u fl-istess ħin tagħżel bejn in-novella u l-forom qosra tal-proza Letterarja.

Għalkemm m'hemm l-ebda limitu għat-tul tan-novella ma tantx issib novella ta' aktar minn ftit paġni -- jekk issib trid tara jekk dak ix-xogħol hux novella tassew jew rumanzett. Imħabba n-natura qasira tagħha, in-novella titlob dettalji konċiżi u effetti qawwijin. Huwa għalhekk li Poe ħeġġeġ il-kitba tan-novelli għax "the tale proper affords the fairest field which can be afforded by the wide domains of mere prose, for the exercise of the highest genius."[10] In-novella hija tabilħaqq taħriġ li jikxef lill-kittieb bħala bniedem li għandu talenti għoljin meta bis-sabar kollu joqgħod jagħżel kelma minn oħra u jġiegħelha tagħmel xogħolha tajjeb f'post xieraq imħabba l-ekonomija tal-ispazju; fl-istess ħin li jkun ekonomiku jrid jara li ma jitlef xejn mill-effetti meħtieġa. Awturi kbar, bħal Poe, Maupassant, Somerset Maugham u Chekov, kollha wrew il-ħila tagħhom fid-dettalji konċiżi u ma qagħdux jinħlew wara ħafna kliem żejjed.

Biex infissru dak kollu li għidna, nieħdu dan l-eżempju; minn "Bluha ta' Mument" ta' Ġużè Cassar Pullicino (S/49 p.86-89):

> "Sebaħ il-Ħamis tat-tieni ġimgħa ta' Mejju u ma' l-ewwel imrieżaq li jħammru minn wara t-Torri ta' San Luċjanu dehru sejrin għal fejn il-Ponta ta' Ngħaġ ħames nisa bis-sarar imwieżna fuq rashom, biċ-ċurniena fuq spallejhom u bil-maktur abjad

[10] "Twice Told Tales" f'*Edgar Allan Poe: Selected Writings* (Penguin – 1967); p.444.

imdawwar m'għonqhom minn fuq rashom bit-tarf tiegħu miżmum fi snienhom. Kienu jidhru nisa tax-xogħol u ta' deffa: mibruma, somor bix-xemx, il-ġilda ħarxa. Lanqas xedd ma kellhom f'saqajhom. Għalfejn? Tilbes qorq jew żarbun biex tmur mir-raħal sa Birżebbuġa?! Min jaf kemm kienu xierfa saqajhom! Imbagħad oħra: għat-tul żarbun itaqlek fil-mixi. Mela għalfejn tħabbel rasek? Basta wieħed ifittex jasal, u barra mid-daqq."

Dan il-paragrafu, li għandu struttura lingwistika tassew ibbilanċjata, qed jagħmel ħafna xogħol. Qed jagħtina tagħrif xħiħ u vivaċi: m'hemmx għalfejn joqgħod jitnikker l-awtur fuq is-sebħ "tat-tieni ġimgħa ta' Mejju" għax kulħadd jista' jimmaġina u jħoss is-sbuħija ta' din id-deskrizzjoni. Il-verb "sebaħ" huwa importanti ħafna: l-ewwelnett, għax fih azzjoni, jiġifieri l-qarrej jista' jimmaġina l-ewwel xaqq dawl jikber biex iwarrab il-lejl u jġib is-sebħ. U din il-bidla nistgħu nistħajluha għax il-kittieb inqeda b'verb u ma qalx, per eżempju, "kien is-sebħ tal-Ħamis tat-tieni…", għax in-nom hawnhekk kien jitlef ħafna mill-effetti meħtieġa. Barra minn hekk, l-awtur poġġa fl-ewwel post il-verb biex jagħti importanza l-azzjoni tas-sebħ; kieku qiegħed il-verb wara "Mejju" l-importanza kienet x'aktarx taqa' fuq il-ġurnata tal-Ħamis. Kif inhi mibija s-sentenza, il-"Ħamis" u "t-tieni ġimgħa" huma mgħaffġin bejn "sebaħ" u "Mejju", għalhekk, billi moħħ il-qarrej x'aktarx li jolqtuh l-ewwel u l-aħħar ħaġa, l-awtur poġġihom hekk biex jirbaħ ħafna effetti. Hekk ninnotaw kif Cassar Pulliċino jġiegħel lill-qarrej iħaddem xi ftit moħħu bla ma jrid u ma jagħtihx kollox bl-imgħarfa. Meta jeħles il-ħin, il-kittieb jagħtina l-lokal imbagħad ilaqqagħna man-nies. B'sens ta' osservazzjoni qawwi Cassar Pullicino jpittrilna d-dehra ta' barra ta' ħames raħħala. U din id-deskrizzjoni, sħiħa imma konċiża, żżid fil-bini tal-ambjent kampanjol. Imbagħad l-awtur jinqeda bil-fatt li ma għandhomx xedd f'riġlejhom biex mid-dehra fiżika u barranija jagħtina ħjiel tal-psikoloġija ta' dawn ir-raħħala billi jurina kif kienu jaħsbuha fuq l-ilbies tar-riġlejn.

Id-deskrizzjoni fiżika tan-nisa, il-mentalità tagħhom bħala kampanjoli, xi kliem bħal "sarar", "ċurniena", "xedd", kollha jgħinu fil-bini tal-isfond raħli. U dan ir-reġjonaliżmu jaħdem f'moħħ il-qarrej billi jnissillu r-realiżmu li hu megħjun ukoll mill-oġġettiviżmu tal-kittieb. "In the whole composition there should be no word written of

which the tendency, direct or indirect, is not to the one pre-established design."[11] Din il-"pre-established design" għal Poe hija essenzjali għax fil-fehma tiegħu l-kittieb irid jibda billi jara x'effett irid iħalli fuq il-qarrej, imbagħad joħloq ġrajjiet u inċidenti li jnisslu dak l-effett uniku. Fuq kollox l-awtur irid jibda mill-ewwel sentenza jaħseb fuq dak l-effett, u dik l-ewwel sentenza trid tagħmel xogħolha biex tnibbet dak l-effett. Barra minn hekk kull kelma fin-novella trid tgħin biex jintlaħaq dak il-għan – għalhekk il-kittieb irid ikun konċiż fi kliemu. Minn dak kollu li għidna naraw kif Cassar Pullicino mexa xi ftit fuq il-pariri ta' Poe.

Iżda issa ejja nieħdu eżempju fejn ħafna dettalji żejda jtellfu u jnaqqsu l-effetti meħtieġa; minn "Blackie" ta' Ninu Cremona (S/62 p.84):

> "Rożina l-iktar li kellha għal qalbha l-iswed; mhux ħlief tmur tmissu; ħutha mill-banda l-oħra erħilhom imellsu liż-żewġt ifrieħ l-oħra, fil-waqt li l-omm, flok ma kienet tqajjem sufha, u tagħmel wiċċ ta' tigra, li kieku kienu xi wċuħ ġodda, kienet twaqqaf il-ħarsa tagħha fuqhom u f'għajnejha turi li qegħda tieħu pjaċir b'dik il-kumpanija ta' tfal li donnhom ġew jifirħulha; fil-ħarsa ta' għajnejha kellha bħal tbissima, iżda meta mbagħad xi waħda minnhom kienet taħbat teħdilha xi wieħed mill-frieħ minn taħt sidirha biex tarah sewwa, l-omm għalkemm ma kienetx issemma' xi tgergira ċkejkna biex bħalli kieku twissiha li tkun daqsxejn waħda iżjed prudenti."

Wieħed mill-vantaġġi tan-novella hu li billi hi qasira ma ddejjaqx iżżejjed lill-qarreja. Iżda sentanza twila bħal din, f'xogħol li hu suppost qasir, tgħajjik imħabba l-ħafna idejat li għandha għax teħodlok iż-żmien biex tifhimha, u għalhekk tidher barra minn lokha. Mill-bidu tagħha dehret li se tkun aħjar:

> "Kienu tlett aħwa bniet: minn dejjem iħobbu l-qtates"

---

[11] ibid.

l-awtur jagħtina ħjiel tas-suġġett mill-ewwel sentenza u ma joqgħodx jistenna għal aktar tard. Imbagħad Cremona jintroduċina mal-karattri prinċipali u hawnhekk jibdew id-dettalji żejda għax jagħtina tagħrif fuq qrabathom u fejn joqogħdu – tagħrif li jien jidhirli li ma jgħinx fl-iżvolġiment ta' l-istorja. Fit-tielet paragrafu, Cremona jiddeskrivilna t-tfal x'jagħmlu fit-twelid tal-frieħ u kif kulħadd jagħżel xi qattus għalih sakemm fl-aħħar jibqa' wieħed bħala l-"ugly duckling". Wara, l-awtur jerġa' jinxteħet fuq dettalji żejda u jaħli erba' paragrafi twal, wieħed minnhom is-sentenza twila ta' fuq, biex jiddeskrivi l-fsied li t-tfal jagħtu lill-qtates. Imħabba dan it-tul żejjed l-awtur iqiegħed lilu nnifsu fil-periklu għax malajr jista' joqgħod jirrepeti l-istess ħsieb. Ir-repetizzjoni x'aktarx li hi għelt fil-kitba tan-novella għax, barra illi ddejjaq, ma tħallix lill-qarrej iħaddem moħħu meta għandu kollox bl-imgħarfa. Għad-dettalji ta' l-irqaqat Cremona hu tajjeb ħafna, difatti l-paragrafu ta' fuq għalih waħdu, jixhed kittieb ta' ħila. Imma meta nqisuh fil-kuntest tiegħu narawh jistona, għax forsi aktar jixraq f'rumanz milli f'novella.

Il-forom l-oħra ta' proża qasira wkoll għandhom iħaddmu dettalji konċiżi, u d-deskrizzjonijiet tagħhom m'għandhomx ikunu twal iżżejjed. Kif diġà għidt, mhux la kemm taqbad u tiġbed linji diretti bejn il-forom qosra ta' proża. Iżda wieħed dejjen jista' jagħmel distinzjoni billi jitkellem fuq xi elementi partikolari għal kull għamla.

F'xogħol qasir m'hemmx wisa' għall-karatterizazzjoni sħiħa. Ġeneralment, in-novella ddur ma persuna waħda u ma titkellimx fuqha minn kull aspett, imma tagħżel xi karatteristiċi li huma tajbin għan-nisġa tal-ġrajja. Fin-novelli fejn insibu l-preżenza tan-narratur, il-karatterizazzjoni se tkun aktar soġġettiva minn tan-novelli li mhumiex irrakkontati fl-ewwel persuna billi l-awtur jista' jkun iżjed oġġettiv. Per eżempju, f' "Dawra f'Ta' Frankuni" (S/48 p.72ff) ta' K. Fenech insibu:

> "Wieħed minn ħbiebi kien is-Sur Ġużè, raġel li kemm komt ħbieb miegħu qatt ma naqas f'kelma waħda biss. Miegħu kont insib l-għaxqa ta' qalbi għax ma jgħaddix jum wieħed li ma titgħallimx xi ħaġa minnu. Kien raġel li qara ħafna u kotba qalleb kemm felaħ u kull min fetaħ qalbu miegħu meta sab ruħu f'xi saram, is-Sur Ġużè malajr ħarġu minnu b'wiċċ il-ġid."

Dan it-tagħrif fuq is-Sur Ġużè aħna noħduh minn ħalq in-narratur, u hu qed jagħtihulna skond il-fehma tiegħu. Aħna, bħala qarrejja, nafdawh lin-narratur u kull ma jgħidilna hu, x'aktarx li nemmnuh b'għajnejna magħluqa. Barra minn hekk, minħabba li hemm xi ħadd li qed jirrakkontalna ġrajja, l-istorja tidher aktar realistika għax naraw li l-inċidenti u s-sitwazzjonijiet tagħha huma ħwejjeġ li jitwemmnu. Għalhekk, il-preżenza tan-narratur nistgħu nqisuha bħala xhieda umana ta' kull ma jiġri fil-ġrajja. Ir-rappreżentazzjoni tar-realtà fin-novelli li mhumiex irrakkontati fl-ewwel persuna mhix daqshekk ħafifa, u għaldaqstant trid tkun il-ħila tal-kittieb biex iddeffes fin-nisġa tiegħu xi elementi li jżommu lill-qarrej fid-dinja tagħna. Nieħdu issa silta min-novella "Meta jkun m'n-Alla" (Ġ/33 p.46ff.) ta' L. Cutajar biex inqabbluha ma' ta' fuq:

> "Kienet tfajla ta' xi għaxar snin, la tgħid ħoxna u lanqas irqiqa; liebsa nadif; f'riġlejha żarbun żbibi, ileqq mera; ġrabiet żoroq, sa taħt irkubtejha, u libsa qasira ħamranija; imgħoddija tinjiet tinjiet, minn qaddha l-isfel. Wiċċha bejn tawwali u mdawwar, lewn il-warda, xofftejha ħomor u rqaq imneħirha mislut, għajnejha kbar u suwed. Xagħarha ma kienx jidher, għax imgħotti minn ċuqlana żgħira tlellex li kienet iżommha kemm xejn f'tarfha, bil-wejda tagħha, bajda bajda, il-leminija; waqt li x-xellugija moħbija taħtha. Timxi sewwa ma tħares imikien għajr quddiemha, qiesha xebba."

Hawnhekk għajnejn il-kittieb ma nħossuhomx jimirħu fuq din it-tfajla, u nħossuna maqtugħin għal kollox minn din il-persuan. Din id-deskrizzjoni tat-tfajla mhix realistika bħal ta' fuq imħabba li hi x'aktarx tradizzjonali jew kif tissejjaħ bl-Ingliż "hackneyed". Iżda fiż-żmien li nkitbet din in-novella, deskrizzjonijiet bħal dawn kienu milqugħin kemm mill-istudjuż kif ukoll mill-qarrej komuni. Barra minn hekk, il-għan tal-kittieb fin-novella kien x'aktarx li jinseġ storja b'Malti kemm jista' jkun safi, u xhieda ta' dan għandna l-ħafna kliem u forom arkajċi li nsibu f'din il-ġrajja.

Għalkemm in-novelli ta' l-ewwel persuna huma x'aktarx soġġettiva, f'novelli oħrajn nistgħu naraw ukoll is-soġġettiviżmu tal-kittieb. Fl-aħħar silta li kkwotajna d-

deskrizzjoni hija soġġettiva: il-kittieb tana l-idea tiegħu ta' tfajla sabiħa. Fi storja ta' mħabba dan hu x'aktarx żball għax id-deskrizzjoni li tagħti mhix se togħġob lil kulħadd u għalhekk mhux kulħadd se jieħu gost jaqraha n-novella. Il-qarrej irid li t-tfajla tkun l-idolu ta' qalbu u mhux waħda li ma togħġbux. Għalhekk Kennedy Williamson jgħid illi fi ġrajjiet ta' mħabba m'għandhomx jidhlu ħafna dettalji tad-dehra tal-personaġġi ewlenin[12]: għax il-qarrejja maħbubin iridu li jilmhu lilhom infushom fil-kitba.

Differenza oħra li tinħass hija fl-istil. F'xi rakkont il-kittieb jinqeda bl-ewwel persuna pronominali biex juri kif il-ġrajja kienet qrib tiegħu ħafna. Imħabba f'hekk l-istil se jkun x'aktarx sempliċi u kollokjali billi l-kittieb irid iħalli l-impressjoni tan-narratur li qed jirrakkonta bil-ħalq aktar milli bil-pinna -- għalhekk f'novelli ta' din ix-xorta l-kittieb bosta drabi jingħażel min-narratur. Fil-waqt li fin-novella li tinqeda bit-tielet persuna pronominali l-ġrajja tinħass miktuba, u l-kittieb jista' jdaħħal d-djalogu biex jirrappreżenta aħjar ir-realtà, speċjalment jekk jinqeda b'xi forom djalettali li x'aktarx jgħinu fil-karatterizazzjoni permezz tat-tagħrif lingwistiku li jagħtu lill-qarrej.

Biex nuri kemm id-djalogar jista' jkun għodda tassew tajba għall-kittieb se nsemmi lil Temi Zammit li jħobb jagħti ħjiel tal-karatterizazzjoni fid-djalogar. Nieħdu "Ferħa bla temma" (S/28 p.80 ff), fejn Zammit jagħfas aktar fuq id-diskors tal-persuni milli fuq id-diskrezzjonijiet ta' surethom. Minn dak li jgħid Mikiel nistgħu nisiltu xi tagħrif fuq il-personalità tiegħu. Meta ma kienx jaf x'fih il-wirt, maqdar liz-zija tal-mara:

> "Ħallini mill-wirt, niekol irid. Ilek sejra b'dal-wirt, mur ara kemm kien grass zijuk."

Meta mbagħad sar jaf x'fih il-wirt u beda jeħodulha lil martu, nisimgħuh jgħid:

> "Istħi għid li nsejtu lil zijuk. Jien għad li ma jiġi xejn minni, il-ħin kollu naħseb fih. Dan il-perżut li xtrajt minn ħnientu, miskin, u inti ma tiftakarx fih?"

---

[12] Ara: "In-Novella" ta' Ġ. Mallia (M/40 p.19-22).

Mall-ewwel tintebaħ li Mikiel hu bniedem egoist u jagħmel għall-flus. Fil-filosofija qarrieqa tiegħu, ifittex xi raġuni biex martu ma tonfoq xejn, għalkemm hu jista' jberbaq kemm irid fix-xorb:

> "Dan x'tak għal-lbies. Trid turi ruħek. La togħġob lili togħġob lil kulħadd u dan it-tiżjin ma għandekx xi tridu."

F'dan il-kliem ma jidher ebda rispett. Għall-kuntrarju naraw kemm hu ħafif li bniedem egojist jaqa' għal dak li hu redikolu.

**Il-ĦRAFA**[13] għandha tingħażel min-novella u minn kull rakkont ieħor. Hija marbuta mal-folklor tal-pajjiż u l-aspett tradizzjonali tagħha jagħti atmosfera ta' awtorità. Għalkaqstant, ma nsibux karatterizazzjoni fiha għax il-għan tagħha huwa li tgħid ġrajja sempliċi x'aktarx b'tagħlima fl-aħħar. Is-sitwazzjonijiet immaġinarji li jkun fiha jżidu fis-sempliċità. Ir-realtà mhix se tidher f'dinja immaġinarja, f' "kimerad", bħalma nsibu, per eżempju, fil-ħrejjef "Il-Għul u Dagħbub" ta' Ġużè Bonniċi (S/27 p.99-102) fejn niltaqgħu ma l-Għul li hu "ġorf li jiekol il-bnedmin"; "Il-Ġurdiena u l-Lifgħa" ta' Ġużè Bonniċi (D/26 p.126-128) fejn dawn iż-żewġ annimali jitħaddtu u jimpikaw ma' xulxin; u "Is-Sena u l-Bniedem" ta' Ġużè Ellul Mercer (D/51 p.104) fejn il-bniedem jgħajjar is-sena l-qadima f'wiċċha. "Il-Għul u Dagħbub", barra mill-"kimerad", għandha ħafna karatteristiċi oħrajn tal-ħrafa tradizzjonali. Insibu eroj wieħed, Dagħbub tifel iltim li wara sensiela ta' avventuri jirnexxilu jeqred l-għadu tiegħu u jistgħana. Il-karattru tiegħu m'hu xejn żviluppat u għalkemm il-ħrafa tgħidilna li hu kien jilħaqlu ħafna ma turiniex moħħu, għax l-iskop tagħha ma kienx li turi l-psikoloġija imma li ddaħħal il-fataliżmu biex tikxef dif it-tajjeb fl-aħħar dejjem jegħleb il-ħażin. Din il-ħrafa tispiċċa bil-kliem "baqa' jgħix għani u hieni ħajtu kollha", formula li ġeneralment issibha fil-ħrejjef biss.

Fil-ġrajja annimaleska "Il-Ġurdiena u l-Lifgħa" naraw kif żewġ annimali jieħdu karatteristiċi umani meta jitlewmu u jimpikaw 'il xulxin. Fil-ġrajja l-bniedem mgħandux importanza ħafna ħlief li jaqa' vitma ta' l-annimali. Hija sempliċiment ġrajja li trid tagħti

[13] Il-"lectures" tas-Sur Ġużè Cassar Pullicino għinu ħafna f'din it-taqsima.

tagħlima lil min irid jagħti widen. Fl-aħħarnett ta' min isemmi li f'dawn il-ħrejjef nistgħu naqraw il-mentalità sempliċi tal-popolin li ma kienx jiflaħ filosofija komplikata -- hu riedhom u għalih issawr.

Il-MENTALITÀ TAL-POPOLIN insibuha rrappreżentata f'ħafna novelli u rakkonti oħra. Imma hemm differenza fost l-awturi fil-mod kif jittrattaw dan is-suġġett. Nieħdu bħala eżempju lil Temi Zammit u lil Ġużè Bonniċi. Temi Zammit, li kien influwenzat minn Patri Magri fil-kitba ta' din ix-xorta, bosta drabi jikteb xi novella umoristika u fiha jagħti xi tagħrif siewi biex min jaqra jew jisma' din in-novella jkun jista' jitgħallem xi ħaġa; fil-waqt li f'xi novelli oħrajn idaħħal drawwiet qodma Maltin biex ikollna rekord tagħhom u ma jintesewx, u barra minn hekk il-poplu jiltaqa' aktar magħhom billi jsibhom f'forma ta' Storja (ara: "Mhux kull ma jleqq deheb" Ġ/33 p.35). F'ħafna minn dawn in-novelli Zammit idaħħal xi praspura biex juri aħjar jif kienu jaħsbuha niesna fl-antik. Nieħdu "Iż-żewġ Seksieka" (D/32 p.113-115) fejn insibu ġrajja kemmxejn assurda: Karmelina, għarusa, dieħla biex tiżżewweġ, tixxabbat wara ġemgħa nies, li kienu l-mistednin tagħha, biex tara l-għarusa dieħla għall-oħrajn. Il-vizzju li kellha biex isseksek għelibha dak in-nhar tat-tieġ tagħha wkoll u waqqagħha fl-assurdità. Din il-praspura trid tgħallem permezz tal-umoriżmu. Aħna nidħku b'Karmelina, nidħku għax ma aħniex bħalha, u nitkexkxu jekk aħna naħsbu biss li bħala nistgħu naqgħu fl-assurdità. Temi Zammit, mela, jikxef il-mentalità tal-poplu bla skola permezz ta' l-umoriżmu. Izda Ġużè Bonniċi juriha mod ieħor. Nieħdu "Toninu" (M/27 p.18) fejn l-omm ma tridx tibgħat lil binha l-iskola għax inkella ma jkunx tajjeb għar-raba'; wara ftit it-tifel jimrad u tirrifjuta li ġġiblu tabib għax taħseb li tista' tfejqu bil-ġbajjar: kaġun t'hekk it-tifel imut. Din l-omm kienet tipika ta' ħafna fl-imgħoddi. Fiha qegħdin naraw irrappreżentati n-nies tar-raħal li kienu tassew illitterati. Iż-żewġ awturi juruna l-konsegwenzi ta' moħħ magħluq: wieħed wera kif jista' jwassal għall-assurdità u l-ieħor għal xi traġedja.

Fin-novella "Bħal Sokrate" (S/29 p.91-96) Ġużè Bonniċi għamel l-istess: jiġifieri, wera kemm l-injoranza jista' jkollha konsegwenzi koroh. Iżda hawn insibu wkoll il-psikoloġija ta' wieħed mibgħud u maħqur mis-soċjeta': ix-Xadina. Il-kittieb jgħidilna kif

il-qalb toħlom fuq dak li m'għandhiex u jpoġġi sitwazzjonijiet x'aktarx patetiċi biex juri l-vojt ta' dik il-qalb li qed tokrob għal xi ħaġa li ma jistax ikollha. F' "Ġenn" (S/28 p.90-95) l-awtur juri bniedem ieħor ġeneralemnt imwarrab mis-soċjetà, imma hawnhekk idaħħal stil daqsxejn satiriku meta jurina l-filosofija ta' miġnun. Dan kollu jurina kif suġġett wieħed jista' jiġi trattat b'mod differenti mhux biss minn awturi differenti iżda wkoll mill-istess kittieb. Kemm ix-Xadin u kemm il-Miġnun huma mwarrbin mis-soċjetà, imma f'ta' l-ewwel insibu nota patetika u fit-tieni nota satirika. Dan hu s-sabiħ tar-rivista *Il-Malti*: fiha ssib il-varjetà u għalhekk togħġob lil ħafna.

L-**UMORIŻMU** jvarja minn kittieb għall-ieħor. Wieħed idaħħal umoriżmu ħafif:

"…L-aktar żewġt iħbieb li kien iħobb jagħmilha magħhom kienu Frenċ ta' Brajdu u Paċikk it-twil, billi hu kien jgħid, 'dawn huma l-aktar tnejn li jħobbu jdaħħlu idejhom fil-but'."
(Ferħa bla Temma: A. Guillaumier, M/55 p.14).

Ieħor idaħħlu fid-deskrizzjoni ta' xi karattri:

"In-nies għammditu Ġannina. Laqqmitu hekk għax leħnu baqa' rqiq u meta jitkellem jinstama' bħalli kieku xi mara qiegħda tixher. Mixjietu ferrieħa tixbaħ lil ta' papru u t-tixjira ta' siequ fil-mixi tfakkrek f'żifna kiebja ta' wieħed imħerwel. Hawn min tisimgħu jgħid li għandu żegliga ta' xbejba kiesħa u minfuħa biha nnifisha, mixja li għal raġel ma tixraqlux. Għan-nies Ġannina hu tad-daħk."
(Ġannina: Anton Agius S/55 p.83).

U ieħor fil-filosofija ta' miġnun:

"Jien marid bil-megalomanija inċipienti? Xi tkun din il-marda? Xi problema aqwa milli għandi? Iżda minflok ma għalejt, fraħt għax biex ikollok marda b'isem hekk twil trid bilfors tkun xi ħaġa kbira għax kieku, min hu dak il-ħmar li se joqgħod ifittex dan l-isem kollu għal wieħed li ma jiswa xejn…"

(Ġenn: Ġużè Bonniċi S/28 p.91).

Bosta drabi l-ġrajja stess tkun xi ftit ċajtiera. Iżda kultant l-awtur jinqeda bl-umoriżmu għal xi raġuni oħra. Per eżempju, f' "Pensjonant" (M/68 p.24) ta' G. A. Cilia nsibu:

"Fl-aħħar mill-aħħar m'aħniex weħidna! Skond l-istatistiki mitt sena ilu kont tistenna li mal-ħamsin twelli, il-lum tistenna li bejn wieħed u ieħor tgħix sebgħin. Biss mas-sittin tieħu daqqa ta' sieq u jitfgħuk 'il barra…"

Hawn naraw l-umoriżmu fin li jakkompanja x-xjuħija. L-awtur idaħħalna f'moħħ wieħed xiħ, li hu x'aktarx l-awtur stess, u jurina l-ħsebijiet u l-pjanijiet tiegħu wara li jieqaf mix-xogħol. L-umoriżmu qed iservi biex jitratta problema soċjali: il-problema tal-pensjonanti.

Ħafna mill-elementi li nsibu fin-novella nistgħu nsibuhom ukoll fl-**ESSAY,** minħabba li s-essay kultant joffri kemm tagħlim u kemm divertiment. Iżda wieħed mal-ewwel jinnota l-qabża kbira li hemm bejn l-essay u n-novella. L-essay hu ġeneralment soġġettiv u joħroġ il-personalità ta' l-awtur meta juri l-opinjonijiet tiegħu fuq is-suġġett. Meta jkun argumentattiv l-essay x'aktarx li jkun frott ta' meditazzjoni profonda u ta' ħafna riflessjonijiet bħalma kienu ta' Montaigne. Il-kritika ta' Dr. Johnson li l-essay huwa "an irregular undigested piece"[14], għalkemm tista' tapplika għall-essays tal-bidunett, ftit tgħodd għal dawk ta' żmienna. Biżżejjed wieħed isemmi l-essays argumentattivi u istruttivi biex naraw kemm bosta essays iridu taħbil tal-moħħ. Bħala eżempju ħa nagħti silta żgħira minn essay argumentativ biex nuri kemm l-awtur ħaseb fil-fond:

"Għax fl-aħħar mill-aħħar il-ġmiel u s-sewwa huma fina nfusna mwaħħdin ma' l-ispirtu tagħna, u s-sensazzjoni, it-tagħrif u l-kawża tagħhom huma tliet mezzi biex dawk iż-żewġ qawwiet spiritwali jwettqu saħħithom."
(Il-Koltura: Ġużè Galea D/51 p.99).

---

[14] "A Short History of the Essay" f'*Essay-Writing and Model Essays* ta' T. F. Thompson, (Brodie) p.8.

Biex wieħed jasal għal din il-konklużjoni filosofika, moħħu jrid jaħseb fit-tul. U barra minn hekk, essay bħal dan ġeneralment ikollu aktar minn prinċipju razzjonali wieħed.

F'essay wieħed jista' jkun hemm aktar minn element wieħed. Nieħdu l-essay "Jum il-Miġja ta' San Pawl f'Malta" (M/27 p.13-17) fejn Saydon qed jiddiskuti d-data tal-miġja ta' San Pawl f'Malta. Huwa ta' bixra argumentattiva iżda fih ukoll l-element deskrittiv u dak narrativ -- li ġeneralment imorru id f'id -- għax il-kittieb daħħal il-vjaġġ kollu ta' San Pawl qabel ma ġie Malta. Iżda għalkemm insibu l-element narrativ, mall-ewwel nintebħu li dan l-element huwa bil-bosta differenti minn tan-novella. F'dan l-essay ma nsibux żvilupp ta' karattri, Saydon ma kienx qed jikxfilna l-karattru ta' l-Appostlu; l-anqas ma nsibu drammatiċità, sfond u emozzjonijiet bħalma nsibu kważi f'kull novella. Barra minn hekk, l-essay toħroġ il-personalità ta' l-awtur aktar min-novella, għax jikxef b'mod dirett is-sentimenti u l-ħsebijiet personali tal-awtur. Għalhekk fl-essay hemm aktar wisa' għal argumenti u sentimenti. F' "L-ewwel xagħra bajda" (S/47 p.80-82), Mary Meylak targumenta għaliex ma għandniex nistkerrħu l-ewwel xagħra bajda, iżda fl-istess ħin hi qed turi dak kollu li tħoss hi:

> "Waħda mill-aktar ħwejjeġ li l-iżjed jaħsdu l-bniedem hija dik il-qatt milqugħa fatata, toħroġ qisha ruħ, tbajjad ġo nofs ta' raba' sewdieni, tagħti l-qtajja', tbeżża', twaħħax, tinkwieta n-nies, f'kelma waħda dik il-Ħares ta' Xagħra Bajda li lilna, biex ingħiduha kif inħossu, ilkoll kemm aħna tniżżlilna msarinna f'riġlejna u jiġi li jkun hemm min taqbdu suffejra regulari."

Dawn huma s-sentimenti ta' ħafna, imma l-awtur qiegħda tħosshom. L-element deskrittiv jidher kważi f'kull essay, iżda mbagħad jista' jkun hemm xi wieħed fejn dan l-element insibuh spiss: "Il-lum u mitt sena ilu" (D/56 p.123-127) ta' J. C. Friġġieri fejn insibu deskrizzjoni tal-ħajja fl-imgħoddi mqabbla ma' dik tal-lum; u G. Zarb Adami jiddeskrivilna "Il-Ħajja Kulturali Maltija fi Żmienna" (M/51 p.96-98). L-essays istruttivi, bħal "Is-Summien (D/33 p.96-98), "L-Ilma li Nixorbu" (M/25 p.10-12) ta' Temi Zammit, "It-Trobbija tat-tfal" (M/25 p.28-29) ta' G. Micallef Goġġi u ħafna oħrajn, ukoll jinqdew fl-element deskrittiv biex jagħtu xi tagħrif u jfissru xi ħaġa fuq is-suġġett.

F'kull biċċa xogħol ta' kitba, kemm jekk tkun xi poeżija, deskrizzjoni, jew xi argument filosofiku, u kemm jekk tkun xi telegramma, ittra jew xi tagħrif xjentifiku, l-ISTIL hu essenzjali. L-istil l-aktar li jidher fil-mod kif ħaġa qiegħda tiġi ttrattata għax qabel ma jħażżeż xi ħaġa l-kittieb jagħżel l-aħjar kliem li jistgħu jwasslu l-messaġġ lill-qarrej. Graham Hough jgħid li l-istil "is the choice of the best verbal means to express a pre-determined subject-matter"[15], u għalhekk l-istil jirrifletti l-personalità tal-kittieb. Dan il-fatt narawh tajjeb ħafna mir-rivista fejn insibu kittieba differenti, kull wieħed juża stil għalih waħdu. Kultnat ikun diffiċli li ssib fejn qiegħda d-differenza iżda bosta drabi tkun fl-għażla tal-kliem, fit-tqassim ta' l-enfasi, fil-binja tas-sentenzi u fil-mod kif ivarjaw is-sentenzi biex l-istil ma jdejjaqx lil min jaqra. Ġeneralment il-ħsieb huwa mwaħħad ma' l-istil, kemm jekk il-kitba tkun kreattiva kif ukoll jekk ma tkunx. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li kittieb ma jistax jitħaddet fuq suġġett wieħed bi stil differenti. Ftit qabel aħna wrejna kif awturi differenti jista' jkollhom stil differenti, ukoll jekk jitkellmu fuq l-istess suġġett [16]. Imbagħad għidna kif l-istess kittieb jista' jitħaddet fuq kważi l-istess suġġett f'żewġ xogħlijiet differenti, bi stil differenti[17]. Issa jonqosna ngħidu xi ħaġa fuq il-fatt li l-istil ta' kittieb jista' jinbidel mal-bidla taż-żmien.

Il-bniedem jikber u jimmatura bit-tiġrib ta' l-esperjenzi, u kitbietu tista' tiġi influwenzata minn kull ħaġa li tiġrilu f'ħajtu. Għalhekk huwa possibli li awtur ikollu stil differenti f'perijodi differenti ta' ħajtu. Dan nistgħu narawh jekk inqabblu xogħlijiet ta' l-istess awtur miktubin fi żmien differenti[18]. Aħna diġà tkellimna xi ħaġa fuq in-novella "Blackie" ta' Ninu Cremona u għidna li fiha ħafna deskrizzjonijiet twal u dettalji żejda. Nieħdu issa l-ewwel novella li kiteb Cremona: "Bejn Żewġt Iqlub" (D/25 p.117-122). F'dan ix-xogħol bikri ma nsibux la sentenzi twal ħafna u l-anqas dettalji żejda. Fil-waqt li fi "Blackie" nħossu li hi novella li qed naqraw, fl-oħra l-awtur kultant nistħajluh qed

---

15 "The Concept of Style", fi *Style and Stylistics* ta' G. Hough (Routledge & Kegan – 1969); p.9.
16 Meta qabbilna lil T. Zammit ma' G. Bonniċi.
17 Meta qabbilna l-kitba ta' Bonniċi fin-novelli "Ġenn" u "Bħal Sokrate".
18 Hu xogħol li jitlob bosta żmien u studju bir-reqqa tal-biċċa l-kbira tal-kitbiet ta' l-awtur. Għalhekk ma nippretendix li dak li se ngħid huwa kollu kemm hu minnu, għax l-eżempji li se nieħu huma fqar wisq. Imma nista' nieħu silta minn xogħol bikri u oħra minn xogħol reċenti ta' Cremona, u nara x'differenza hemm fl-istil tagħhom, jekk hemm.

iħejji xena ta' dramm għax sikwit jinqeda bil-present biex isawwar il-verbi, li jwasslulek ix-xena bħala ħaġa li qed tiġri issa fuq palk:

> "Matilde kollha mħarbta u qalbha maqtugħa wieqfa ħdejn is-sodda bl-imgħarfa tad-duwa f'idha l-waħda, kienet qiegħda titħabat biex iddewwaq liċ-ċkejkna Biċe. Katy l-ġenb l-ieħor iżżomm dirgħajn it-tifla hi u tqajjimha. Kollu għal xejn. It-tifla bħal barra minn sessiha ma riedet tieħu xejn; twarrab kollox minn ħalqha u minn ħdejha, saħansitra 'l ommha."

Din donnha aktar silta minn dramm għax qisha xi direzzjoni għall-atturi f'xi xena, imħabba wkoll li hemm xi elementi grammatikali neqsin: f'novella aktar issib din ix-xorta ta' sentenza: "Katy, li kienet fil-ġenb l-ieħor, bidet iżżomm…" Nosservaw ukoll li hemm nuqqas ta' punteġġjatura meħtieġa b'din is-silta. Fi "Blackie" l-punteġġjatura hi wżata aħjar għax issibha kulfejn hemm bżonn. Il-verb fil-present, elementi grammatikali neqsin, nuqqas ta' punteġġjatura -- dawn huma karatteristiċi li nsibuhom aktar fit-teknika tad-dramm milli f'din tan-novella. Jista' jkun li Ninu Cremona kien għadu taħt l-influwenza tad-dramm klassiku tiegħu meta kiteb l-ewwel novella.

Differenzi oħra li nsibu f'dawn iż-żewġ novelli, mifrudin b'medda ta' 37 sena, hija li waħda tħaddem id-djalogar aktar mill-oħra. Imma dan jista' jkun għal Blackie hu qattus u għalhekk m'hemmx għalfejn ta' djalogu. Barra minn hekk, fis-silta ta' "Blackie" lil Cremona narawh iżjed immaġinattiv meta jagħtina daqsxejn ta' psikoloġija tal-qattusa li kważi jdawwarha f'omm umana -- il-qarrej jistħajjel li qed jara xi biċċa "cartoon" minn ta' Walt Disney. Imħabba f'hekk it-ton ta' din is-silta minn "Blackie" hu inqas serju minn dak tan-novella bikrija. Fis-silta minn "Bejn Żewġt Iqlub" il-qarrej iħossu maqtugħ mill-ġrajja, iħossu biered għax il-kliem li għandu quddiemu ma jqanqalx sentimenti. Iżda fis-silta l-oħra l-qarrej iħossu eqreb, iħossu involut għax il-kliem li għażel il-kittieb iġorr miegħu ħafna assoċjazzjonijiet: per eżempju, "tbissima" għandha dawn l-implikazzjonijiet: hena, kuntentizza, żgħożija…; "qalbha": sentimenti, mħabba, mgħodrija…; "sidirha": trakkrek f'ħajja ġdida għax minnu tiġbed u tarda tarbija. L-assoċjazzjonijiet jaħdmu f'moħħ il-qarrej u jħallu l-effetti meħtieġa kollha, speċjalment

meta tgħaqqadhom f'daqqa.  Kelma ġġorr l-assoċjazzjonijiet tagħha kull fejn tidher [19], u meta niltaqgħu magħha x'uħud minn dawn l-implikazzjonijiet jidwu f'moħħna.

## (ċ) ID-DRAMMI

F'*Kittieba ta' Żmienna (*p.123-124) Friġġieri jgħid li "r-rejalista, iżjed minn kull bniedem ieħor, waqt li għandu ċ-ċans li jkun mifhum aktar u minn kulħadd, għandu quddiemu s-sogru li ħaddieħor, waqt li jifhmu, ma japprezzahx biżżejjed bħala bniedem krejattiv."  Dan li ġralu Ġino Muscat Azzopardi f' *L-Aħwa Catania* (S/52 p.I-XVI) fejn insibu sitwazzjoni tabilħaqq **REALISTIKA**: erbat aħwa xjuħ, tnejn minnhom ma jaqblux flimkien u t-tnejn l-oħra jaqblu u jiftiehmu ma' kulħadd.  Is-sitwazzjoni li nsibu hawn hija stampa fidila tar-realtà immedjata, u d-djalogar jgħin ħafna biex juri din ir-realtà għax hu tabilħaqq djalogar naturali.  Per eżempju, insibu spiss xi sentenzi li m'humiex sħaħ bħal:

"Pawlu: Ara, ħaqq…ma nsemmiex nies!  Għax ara
kemm jien raġel sewwa…"

Din is-sentenza tista' titkompla, iżda n-nuqqas tal-kumplament ta' din is-sentenza tfisser ħafna u għalhekk kif inhi hija effettiva għax tagħti ton ta' theddid.  Din il-ħaġa hija karatteristika tad-diskors ta' kuljum.  Insibu wkoll kultant xi mistoqsija li ma tridx tweġiba, mistoqsija li tingħad biex min ikun qed jitkellem juri li hu għandu raġun:

"Gejtu: Mhux hu beda bil-kera u mhux kera?"

Il-kostruzzjoni ta' din il-mistoqsija, fejn ħaġa titqiegħed fin-negattiv eżatt wara li tkun diġà ntqalet fil-pożittiv, l-aktar li nsibuha fid-diskors ta' kuljum.  Insibu wkoll l-umoriżmu li jidħol spiss fit-taħdit:

---

[19] Leech isejjaħ dawn l-assoċjazzjonijiet il-"connotative meaning" tal-kelma; ara*: A Linguistic Guide to English Poetry;* p.41.

"Gejtu: M'inhix id-Duke of Connaught jien; ma nafx li m'inhix id-Duke of Connaught? Jien Gejtu Catania!

Pawlu: Erfagħli l-ottu!"

Ma' dawn kollha, minn ħin għall-ieħor niltaqgħu ma' elementi kollokjali bħal "hej", "erħina", "leqq", "hux", u "jaħasra". Iżda biex iġib dan ir-realiżmu Ġino ma deffes ebda kumment personali li jixhed il-filosofija tiegħu. Għalkemm ir-realista m'għandux idaħħal tibdil suġġettiv, għall-inqas għandu jagħti ftit tal-kummenti tiegħu biex ix-xogħol ikollu iżjed siwi artistiku għax "dak li jemmen l-awtur huwa meħtieġ biex jagħti personalità partikolari lill-artist bħala artist"[20]. F'kelmtejn qabel Ivo Muscat Azzopardi ma apprezzax "L-Aħwa Catania" bħala xogħol letterarju: "F'kelma waħda l-awtur b'din il-biċċa xogħol ried jagħmel esperiment u studju fuq il-pubbliku aktar milli studju letterarju u drammatiku." (S/52 p.I).

Madankollu l-udjenza mal-ewwel tifhmu xogħol bħal dan għax, barra mill-fatt li l-"medium" li jintuża huwa famijari, il-ħajja li jirrappreżenta hi ferm eqreb lejn dik ta' l-udjenza milli hija, ngħidu aħna, dik tas-**SIMBOLISTA.** F' "Huwa" (D/51 p.I-XII) Ġino Muscat Azzopardi hu x'aktarx simbolista meta joħloq karattri mistiku li jista' jkun tlett persuni f'daqqa: Fritz, Jacques u John. Ġino jiddeskrivi 'l dan il-persunaġġ bħala "statwa ħajja" qisu "bniedem li ġej minn dinja oħra", b'ħarsa "mitlufa fix-xejn" u b'leħen misterjuż li minnu toħroġ proża poetika biex iżżid il-mistiċiżmu. Imħabba din in-nota poetika, il-kliem ta' Huwa jagħti l-impressjoni ta' diwi psikoloġiku, diwi li hu forsi mqanqal mit-thewdin li jinsab f'moħħ it-tlett nisa fejn hawn tħuf l-istess idea ta' tama. Dan it-thewdin iqum sforz l-imħabba li t-tlett nisa, ta' eta' u nazzjonalità differenti, għandhom għal dak ir-raġel li huma qed jistennew. Tant hu qawwi dan it-thewdin li r-raġel li jidher jaħsbuh tagħhom. It-tama, li qed iġġiegħel dat-thewdin kollu, teżisti biss b'qalb it-tlett nisa li jirrappreżentaw ħafna nisa f'żmien ta' gwerra. Huwa l-fizzjal li jagħtina s-suġġett soċjali tad-dramm:

[20] *Kittieba ta' Żmienna*, O. Friġġieri; p.122.

“Fizzjal: Eluf ta’ romol…eluf ta’ ommijiet…
eluf ta’ ltiema…il-gwerra!”

Il-Fizzjal hu l-interpretu tagħna, jew aħjar il-kittieb stess, li jisħet il-gwerra b’daqqa ta’ ponn ċkejkna fuq il-mejda. Iżda għalkemm hu jikkummenta fuq il-gwerra b’dal-mod, hu jaf li din l-istorja ilha ssir u tibqa’ ssir. Għalih Huwa jissimbolizza t-tama ta’ ħafna nies li ġarrbu xi telfa fil-gwerra. Il-Fizzjal joħroġ mad-daħla ta’ Huwa, u għalhekk m’għandna l-ebda kumment minn għandu fil-preżenza ta’ Huwa sabiex l-udjenza tkun ħielsa għal kollox fl-interpretazzjoni tagħha ta’ tmiem id-dramm.

Dan id-dramm Ġino sejjaħlu leġġenda, u ma jagħti xejn eżatt: la x-xena u l-anqas l-uniformi tal-Fizzjal, li jistgħu jikxfu xi nazzjon partikolari. Bħala leġġenda dan id-dramm għandu suġġett serju li ssibu f’kull żmien. Hu suġġett soċjali mżewwaq b’diwi psikoloġiku li jagħmel id-dramm aktar serju. Imħabba l-psikoloġija l-udjenza hija differenti minn dik ta’ “L-Aħwa Catania” jew minn dik ta’ xi dramm ROMANTIKU bħal “l-Istrina” (Ġ/50 p.I_XXII). F’ “L-Istrina” nsibu sitwazzjoni possibli: omm trid tiċħad lil bintha zgħira minn nannuha għax hu baxx. Ma’ dan kollu, bħal kull dramm romantiku ieħor, niltaqgħu ma’ xi elementi artifiċjali. L-ewwelnett, id-djalogar hu artifiċjali b’xi kliem imġebbed, b’kostruzzjonijiet x’aktarx barranin u b’sentenza mtawlin, speċjalment fid-djalogar twil ta’ Anton. Jekk nieħdu din is-silta u nqabbluha ma’ dawk li kkwotajt minn “L-Aħwa Catania” naraw kemm hi tabilħaqq artifiċjali:

“Anton: Binti? L-avvenir tagħha nagħraf nassiguraħ bi kwalunkwe sagrifiċju kif missieri, b’sagrifiċji li ma bħalhom għaraf jassigura l-avvenir tiegħi. Ninette għadha ċkejkna, iżda la tikber, irid nispera li tkun rikonoxxenti lejn nannuha ta’ Ħal Safi daqs kemm tkun rekonoxxenti lejn nannuha l-Maġistrat. Il-lum Ninette għadha żgħira, hija għadha ma tafx tiddistingwi x’tiswa pupa sabiħa li ġibilha n-nannu tal-Belt u din il-pupa l-oħra li ġibilha missieri. Iżda int imissek tifhem x’tiswa waħda u x’tiswa l-oħra. Il-fatt biss li qagħad jinqala’ ir-raħal tiegħu, li forsi ċċaħħad minn xi ħaġa

biex jixtrilha din il-pupa, igħallimna kemm imissna nġibulu respett, ilkoll kemm aħna…"

Bniedem irrabjat ftit joqgħod jirraġuna hekk. Għalkemm wieħed jista' jgħid li d-djalogar artifiċjali ta' Anton huwa frott l-istudju intensiv tiegħu, għax fuq kollox huwa avukat, madankollu xorta jibqa' l-fatt li Anton hu bin skarpan minn Ħal Safi. U f'mument ta' qilla x'aktarx li fi kliemu jitfaċċaw xi elementi raħlin. L-għeluq ta'dan id-dramm ukoll mhux naturali. Fit-tilwima Virġinja titlaq 'il ġewwa ġġebbed lil Ninette, b'dawn il-kelmiet:

"Virġinja: Imxi ġeww, għax il-lum ġejjin ħafna paroli żejda…"

kelmiet li juru lil Virġinja bħala waħda li għandha rasha iebsa. Iżda meta tidħol ġewwa hi, bla ħadd ma jaf kif, tinbidel u tirrifjuta l-pupa ta' missierha. Qabel ma jingħalaq is-siparju naraw lil Anton u 'l Virġinja mgħannqin, imma m'għandna l-ebda ħjiel ta' x'seta' ġab dik il-bidla fuqha. L-awtur ħaseb li l-aħjar li jurina fuq il-palk, bejn l-aħħar kliem li kkwotajna u t-tmiem tad-dramm, kien lil Anton f'mument ta' tensjoni kbira.

Kultant id-drammaturgu jinqeda bid-dramm biex jagħti xi opinjonijiet pubbliċi. F' "Kapitlu l-Aħħar" (S/50 p.I-XXIV) Albert M. Cassola jitlaq ftit il-kitbiet umoristiċi tiegħu biex jagħtina dramm għal kollox romantiku bis-sitwazzjoni improbabbli tiegħu u b'xi kumbinazzjonijiet li nsibu fih. Iżda, Cassola, f'dan id-dramm, jagħmel din il-mistoqsija: sewwa li tallab jiret £10,000? Il-biċċa l-kbira tad-dramm hija diskussjoni bejn tlieta min-nies. Wieħed jgħid li mhix ġustizzja li bniedem għażżien u maħmuġ jiġi ppremjat b'£10,000. L-oħrajn, b'imħabba aktar nisranija, jemmnu li kien ħaqq minħabba l-mankament li kien iżommu mix-xogħol, u jfissru kif Lazzru kien hekk għax in-nies dejjem warrbitu u qatt ma għenietu biżżejjed biex forsi jgħix aħjar.

Jekk f' "L-Istrina" Ġino daħħal xi elementi artifiċjali, Cassola fid-dramm tiegħu deffes bosta kumbinazzjonijiet: l-ewwel waħda tinsab fil-wirt: wieħed tallab għandu qariba xiħa u għanja li tmut bla testament u kollox jaqa' fuqu. Lazzru jitfaċċa eżatt fil-

ħin biex jiċċara kull dubbju li kellhom l-avukati u Fredu. Imbagħad hemm il-fatt li ħadd ma kien jaf li Lazzru għandu tifla -- ħaġa li rari tiġri f'komunità żgħira. Id-dramm jagħlaq b'kumbinazzjoni oħra: Lazzru jmut eżatt wara li jispjega kollox lin-nies. Id-drammaturgu sawwar dawn is-sitwazzjonijiet forsi mħabba s-suġġett li xtaq jiddiskuti. Imħabba dan in-nuqqas ta' realiżmu Cassola għandu aktar wisa' biex jiddiskuti s-suġġett tiegħu soċjali f'kuntest morali.

Ħafna huma dawk li jqisu l-palk bħala mezz ta' tagħlim, u jinqdew bil-kitbiet tagħhom biex jgħallmu. Id-drammi li rajna, tista' tgħid, li kollha qegħdin biex jitgħallmu. Il-kittieba jippruvaw jieħdu biċċa mis-soċjetà, ġeneralment Maltija, u jagħtuna interpretazzjoni bil-ħsieb li jgħallmu. Bosta drabi tidher is-soluzzjoni tal-ġrajja fuq il-palk; soluzzjoni li tkun x'aktarx il-konsegwenza ta' xi tilwima soċjali jew morali. Dan narawh fil-biċċa l-kbira tad-drammi li għandna hawn. F' "Dar fuq ir-Ramel" (Ġ/51 p.I-XVI) ukoll għandna soluzzjoni: min iqarraq bis-soċjeta jinqela' b'żejtu. Dan id-dramm hu x'aktarx realistiku. Il-għan ta' Charles Clews kien li jagħmel kritika soċjoloġika, u nqeda bir-realiżmu bħax dan hu forsi l-itjeb mezz biex tirrappreżenta s-soċjetà.

Id-djalogar f' *Dar fuq ir-Ramel* jgħin ħafna biex iġib ir-realiżmu. Insibu sentenzi mhux kompluti u xi forom kollokjali bħal:

"Pawla: Hemm aħna; il-bieraħ ukoll ġiet oħti Katarin, riditni nislifha għoxrin lira. Aħjar ma ngħid xejn, x'kull waħda. Aqbad fila, hej; jekk noqogħdu nagħtu l-lala lil kulħadd u lil kull min jiġi jitlobna, se nerġgħu niġu kif konna, jew agħar."

Dan id-dramm jagħti kritika tal-ħajja soċjali u għalhekk jolqot sewwa 'l-bniedem. L-udjenza tara kif il-bniedem qed iġib ruħu f'xi ċirkostanzi, u meta tisma' l-kliem t'hawn fuq mall-ewwel tintebaħ bin-nuqqas ta' karità nisranija li teżisti f'qalb Pawla, għalkemm din qed tgħix f'komunità kattolika. Tassew li Leli li kien pprova jitqarraq bil-gvern billi jaħdem il-munita falza u tassew li martu ma riedetx taf bi flusu iżjed wara li saret taf il-

verità, imma s-susa qerredija kienet tinsab f'qalbha wkoll. Hi rrifjutat li tgħin lil qrabatha, speċjalment lil ommha u 'l missierha għax issa kienet laħqet is-sema b'idejha.

L-iżvolġiment ta' l-istorja ddur aktar ma' Pawla milli ma' Leli. Iżda t-tnejn għamlu ħażin u Clews lit-tnejn jikkritikahom. L-udjenza li tara din ix-xorta ta' kritika bilfors li tipprova ttejjeb imġiebitha jekk tintebaħ li qed tagħmel bħall-karattri. F'dan is-sens hemm rabta sħiħa bejn letteratura u ħajja għax, kif ifisser Friġġieri, "ir-relazzjonijiet bejn il-letteratura u s-soċjetà huma meqjusin bħala reċiproki, u l-arti Letterarja m'hix biss l-effett ta' kawża soċjali, iżda hija nnifisha l-kawża ta' effetti soċjali."[21]

## (d) IT-TRADUZZJONIJIET

Kunċett wieħed jista' jkun imfisser f'kemm-il lingwa għax, minkejja d-differenza li teżisti fl-ilsna ta' nazzjonalitajiet differenti, wieħed qiegħed f'liema pajjiż qiegħed aktarx jaħseb għal kull bniedem ieħor. Din l-ekwivalenza fil-ħsebijiet tgħin ħafna biex ngħaddu messaġġ minn ilsien għal ieħor. Iżda xorta waħda jibqa' mhux ħafif daqs kemm wieħed jaħseb. It-traduzzjoni hija x-xjenza li tbiddel it-tifsira tal-kliem mill-ilsien li minnha qed issir it-traduzzjoni (l-ilsien nissieli jew oriġinali) għall-ilsien li fih qed isir il-qlib (l-ilsien laqqiegħi)[22].

Il-problemi li jiltaqa' magħhom it-traduttur huma ħafna u ta' kull xorta: kulturali, lessikali, semantiċi, grammatikali u sintattiċi. Iżda qabel ma jibda x-xogħol tal-qlib, it-traduttur irid jiċċara punt essenzjali: għal liema fine se ssir it-traduzzjoni? -- jiġifieri, x'tip ta' traduzzjoni se tkun u min se jaqraha?

Jista' jkun hemm traduzzjonijiet li jagħtu informazzjoni biss bħal twissijiet pubbliċi u xogħlijiet tekniċi; mill-banda l-oħra jista' jkun hemm qlib ta' biċċiet letterarji. Aħna għandna x'naqsmu ma' dawn ta' l-aħħar li jinqasmu d'diversi kategoriji. Kultant

[21] ibid: p.66.
[22] Din id-definizzjoni hija meħuda minn-noti ttajpjati ta' P. D. Fenech għall-istudenti universitarji, li huma mibnijin fuq it-teorija tat-traduzzjoni ta' Catford.

ikun hemm traduzzjoni ta' proża, bħas-siltiet minn *I Promessi Sposi* u l-Kotba Mqaddsa; qlib ta' poeżiji fi proża: traduzzjonijiet ta' din il-kwalità m'għandnix; qlib ta' poeżija f'poeżiji, bħas-siltiet minn *Henry VIII*, *Paradise Lost* u *Iliad*; u traduzzjoni ta' proża fi dramm, bħal biċċa minn *Les Miseralbes* maqluba fi dramm.

Kultant it-traduttur jaqleb xi xogħol li jkun għoġbu ħafna għax iħoss li għandu jġib dak ix-xogħol f'ilsienu biex jaqsam il-gost tiegħu ma' oħrajn. Jista' jkun ukoll li wieħed ikun irid iseddaq il-librerija ta' pajjiżu b'xogħlijiet barranin li jkunu jistgħu jinqelbu; jonkella jkun irid jaddotta xogħol barrani skond is-soċjetà u t-tradizzjonijiet ta' pajjiżu.

Ħafna mix-xogħlijiet fl-ilsien laqqiegħi jservu flok l-oriġinal u jkunu għal dawk in-nies li ma jafux l-ilsien nissieli. Il-qarrejja ta' traduzzjonijiet bħal dawn jaqraw it-test f'ilsienhom jew għall-kurżità jew imħabba l-interess ġenwin għal-letteratura ta' pajjiż ieħor. Dawn ix-xorta ta' qarrejja x'aktarx li jimpurtahom iżjed mill-istorja milli mill-forma lingwistika, u għalhekk it-traduttur għandu l-libertà kollha li jrid. Kultant xi traduzzjonijiet iservu bħala għajnuna għal min qiegħed jistudja l-ilsien nissieli. L-istudent allura jkun irid traduzzjoni li tkun fidila ħafna għall-oriġinal sabiex ikun jista' jifhem aħjar il-kostruzzjonijiet tal-lsien nissieli u kif għandu jinqeda b'ċertu kelmiet. Fl-aħħarnett, bħala qarrej jista' jkun hemm dak l-iskular li jaf biż-żewġ lingwi. It-traduttur hawnhekk irid joqgħod b'seba' għajnejn biex jogħġob kemm jista' jkun lill-iskular, kemm fil-kontenut kif ukoll fl-istil. Għaliex l-iskular żgur li se jaqra t-test fl-ilsien laqqiegħi jiex jikritika u jikkummenta fuqu.

Biex infisser aħjar dan kollu li għidt se nieħu żewġ eżempji waħda ta' proża għal proża, u l-oħra ta' poeżija għal poeżija. U minnhom nara x'konklużjonijiet nista' nislet. Fl-ewwel kapitlu ta' *I Promessi Sposi* nsibu:

> "Fece un rapido esame, se avesse peccato contro qualche potente, contro qualche vendicativo; ma, anche in quell turbamento, il testimonio consolante della coscienza lo rassicurava: I bravi pero' s'avvicinavano, guanrdandolo fisso."

Dun Pawl (Ġ/47 p.57-59) qaleb din is-silta hekk:

> "Għamel bil-għaġla stħarriġa tiegħu nnifsu, jekk qatt kienx naqas lejn xi wieħed li kien jiflaħ, lejn xi wieħed li ma jaħfirha lil ħadd; imma wkoll f'dik il-fixla, ix-xhieda li tfarraġ tar-ruħ kienet qiegħeda sserrħu xi ftit: il-'bravi' iżda kienu resqin, iħarsu lejh ċass."

Kieku kelli nitraduċi t-test Taljan il-verżjoni tiegħi tkun din:

> "Daħal daħla fih innifsu, biex jara jekk qattx dineb kontra xi ħadd felħan, jew kontra xi ħadd vendikattiv; iżda anke f'dik il-fixla, il-kuxjenza tiegħu bdiet tfarrġu għax assiguratu: il-'bravi' imma, bdew joqorbu u jiċċassaw lejh."

Dun Pawl żamm ħafna mal-kostruzzjoni tal-ilsien nissieli, għalhekk x'aktarx li t-traduttur kien interessat fil-mod kif twettqet il-ġrajja iżjed milli fl-istorja nnifisha: jiġifieri, ried juri kif jinħadem it-Taljan. Xhieda ta' dan hija wkoll s-sentenza:

> "Meta sab ruħu quddiem iż-żewġ bravi, qal ġo fih: hawn aħna; u waqaf f'daqqa."

Manzoni kiteb hekk:

> "Quando si trovo' a fronte dei due galantuomini, disse mentalmente; ci siamo; e si fermo' su due piedi."

Fir-rumanz kollu Manzoni jinqeda bil-kelma "galantuomini" b'sens ironiku. Dun Pawl imma jitlifha din l-ironija, għalkemm seta' nqeda bil-kelma "galantomi" fl-istess sens. Forsi Dun Pawl kellu f'moħħu l-istudenti li riedu jitħarrġu fl-ilsien nissieli. Jewinkella ried itir lura lingwistikament, billi jinqeda b'kostruzzjonijiet li m'humiex familari u bi kliem, safi biex juri ż-żmien tal-istorja -- il-perjodu tal-ħakma Spanjola fil-Lombardija fl-1628-31. minn dan kollu naraw li hemm diversi modi kif kunċett ikun imfisser anke

f'lingwa waħda, u li ħafna drabi jkun diffiċli għat-traduttur li jaqleb kunċett. Eżempju ta' dan hija l-kelma "bravi": it-traduttur kellu bilfors jagħmel trasferenza ta' din il-kelma bil-konnotazzjonijiet tagħha kollha.

Il-qarrej li jaqra r-rumanz fl-ilsien laqqiegħi mill-ewwel jinduna li qiegħed jaqra fuq kultura li hi differenti minn tiegħu. Għalhekk, jista' jkun li jħossu xi ftit iebes fil-qari għax jekk jiltaqa' ma' xi ħsieb, li ma jinstabx fis-soċjeta' tiegħu, ftit ikun jista' jifhmu dak il-ħsieb u hekk jista' jkun hemm nuqqas ta' komunikazzjoni. Il-qarrej, mela, dejjem irid iżomm f'moħħu d-dinja verali tar-rumanz fl-ilsien laqqiegħi u jipprova jaħseb bħalli kieku kien wieħed minn dawk li inqdew bl-ilsien nissieli, imqar tul il-qari tar-rumanz maqlub. Ma jistax ikun li qarrej jaqra rumanz maqlub bl-istess kunfidenza daqs meta jaqra xogħol oriġinali, għax inkella r-rumanz jitlef l-identità tiegħu li titnissel mill-kultura tal-pajjiż li tagħti wkoll il-konnotazzjonijiet lill-kliem. U din l-identitċità ma tinbidelx f'oħra meta r-rumanz jinqaleb fi kliem differenti. Hekk naraw illi rumanz qatt ma jista' jinqaleb sħiħ. Xi ħaġa essenzjali se titħalla barra mit-test fl-ilsien laqqiegħi.

Fit-traduzzjoni tal-poeżija niltaqgħu ma' problemi oħra. Mhix ħaġa ħafifa li ngħidu x'inhu li jagħmel biċċa kitba poeżija. Iżda element essenzjali li jagħżel il-vers mill-proża huwa l-metru li jsawwar il-perijodu mużikali. Kemm il-metru u kemm ir-rima jinqdew bl-istruttura fonoloġika tal-lingwa. Imma din is-sistema tal-ħsejjes hija essenzjalment differenti f'żewġ ilsna, u għalhekk naraw li l-arranġament fonoloġiku fil-poeżija huwa wġiegħ ta' ras kbira għat-traduttur. Barra mill-metru u r-rima, il-poeżija tħaddem kliem, emozjoni, figuri, immaġinazzjoni, sensi, u liċenzja biex tikser xi regoli lingwistiċi jew konvenzjonali. Ħafna minn dawn ma jistgħux jinqelbu iżda jista' jkollhom l-ekwivalenti tagħhom fl-ilsien laqqiegħi. Barra minn hekk, jista' jagħti l-każ li l-qarrej tal-poeżija fl-ilsien nissieli jara xi ħaġa li ma jarahiex it-traduttur, u għalhekk aktar u aktar it-traduzzjoni mhix ġejja sħiħa. Qlib tajjeb ta' poeżija huwa importanti, u karatteristika li għandu jkollu t-traduttur hija s-sengħa fil-kitba tal-vers. B'dan ma rridx infisser li l-poeta biss għandu d-dritt jaqleb poeżija, imma rrid ngħid li t-traduttur għandu jkun midħla sew tal-metri taż-żewġ ilsna li qegħdin ibiddlu l-messaġġ.

Nieħdu bħal eżempju "L-Imgħoddi" (D/36 p.128) li hi traduzzjoni ta' l-ewwel strofa biss tal-poezija "The Past" ta' P. B. Shelley. Iż-żewġ verżjonijiet se nġibhom fejn xulxin biex jidhru aħjar:

| | |
|---|---|
| "Tinsa int is-sigħat ħelwa | "Wilt thou forget the happy hours |
| Illi dfinna | Which we buried in Love's sweet bowers, |
| Ġewwa l-moħba ta' min ħabb, | Heaping overtheir corpses cold |
| Ħalli niksu l-iġsma tagħhom, | Blossoms and leaves, instead of mould? |
| B'ward u weraq flok bit-trab? | Blossoms which were the joys that fell, |
| Ward il-ferħ li tar fix-xej, | And leaves, the hopes that yet remain." |
| Weraq, tama ta' li ġej." | |

L-ewwel ħaġa li nosservaw hija li Pisani nqeda b'metru differenti minn tal-oriġinal, u dan il-metru li uża ta lill-poeżija forma li mhix bħal ta' l-Ingliż. Fil-poeżija tiegħu Shelley jinqeda bir-rima li tagħni u tissokta ssebbaħ il-perijodu mużikali, u jħalliha barra fl-aħħar żewġ versi. Pisani jaqleb kollox. Wieħed forsi jista' jgħid li "ħabb" qed tirima ma' "trab", iżda jekk inhu hekk ir-rima hija falza u mqanżha għax iż-żewġ vokali huma differenti: waħda qasira u l-oħra twila. Il-ħoss artab tal-"w" fi "sweet bowers" joħloq atmosfera sabiħa li ddawwar lin-namrati f'ċertu ħin tal-imħabba tagħhom. Din l-atmosfera li tgħaxxaq tgħib mill-poeżija fl-ilsien laqqiegħi. Iżda f' "happy hours", fejn għandna ħsejjes vokaliċi rotob, Pisani rnexxielu jsib il-ħsejjes korrispondenti tagħhom: "sigħat ħelwa" fejn insibu vokali li jwennsu. L-aktar li titlef it-traduzzjoni huma l-konnotazzjonijiet tal-kelmiet. Il-kelma "bower" iġġorr magħha dawn il-konnotazzjonijiet: imħabba, frisk fis-sajf, ħdura u fjuri. "Moħba" ma timplika xejn minn dawn, anzi ġeneralment nassoċjawha ma' biża'. Il-proċess tal-qlib jista' kultant jagħmel kostruzzjoni daqsxejn ambigwa. Il-pronom f' "their corpses" jirreferi għal "happy hours"; iżda fil-binja tas-sentenza fl-ilsien laqqiegħi aktar jaqbel am' "min ħabb" milli ma' "siegħat ħelwa". Fl-aħħarnett, ninnotaw li għalkemm fil-Malti m'għandniex il-forma qadima li tidher f' "wilt thou", il-poeta malti sab mezz biex joħroġ l-ekwivalenti ta' din il-forma billi qaleb l-ordni grammatikali tal-ewwel żewġ kelmiet.

Minn dan kollu naraw li huwa diffiċli ħafna li taqleb poeżija f'ilsien ieħor. Iżda dan ma jfisserx li l-poeżiji ma jistgħux jinqalbu f'lingwi oħrajn. Imma, intennu dak li għidna għall-proża, mhux kollox jista' jgħaddi fl-ilsien laqqiegħi. Il-poeżija hija prodott uniku tal-poeta, u t-traduttur irid jikkuntenta b'verżjoni qrib għall-oriġinal. Nistgħu għalhekk ngħidu bla biża' ta' xejn, li t-traduzzjoni ta' poeżija huwa prodott ġdid -- dan rajnieh anke fl-eżempju li ħadna -- huwa frott ta' proċess differenti għax iż-żewġ lingwi jvarjaw fl-istruttura tagħhom. U għalhekk it-traduttur irid jew joħloq mill-ġdid jew inkella jagħmel parafrażi tal-oriġinal. Hawnhekk inħosshom jidwu kliem Shelley stess meta tkellem fuq "Il-vanità tat-traduzzjoni" u qal: "is-siġra trid terġa' tinbed miż-żerriegħa, inkella ma tħalli l-ebda frott."[23]

TMIEM

[23] *Language of Fiction*, D. Lodge.